15

L-GHID
TA' L-ASSUNTA

5 (1980)

15 (1980)

www.gozocathedral.org.mt

Dun Manwel Magro iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni Tiegħu f'din il-Knisja Katidrali fejn ġie ordnat ukoll qassis mill-Eċ.za Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi fil-21 ta' Ġunju 1979. Lil dan is-saċerdot il-ġdid il-parroċċa tal-Katidral tixtieqlu snin twal ta' ħidma fil-għalqa tal-Mulej. Fil-preżent Dun Manwel jinsab fuq xogħol pastorali fil-Ġermanja.

l-ghid
ta' l-assunta

15(1980)



arġa ta' darba fis-sena
ditur: Mons. Carmelo Scicluna
Arċipriet tal-Katidral

MESSAGG TA' L-ARCIPRIET GHALL-JIEM TAL-FESTA

Ninsabu fi żmien ta' "Qawmien Marjan" mniedi mill-Isqfijiet tagħna b'Ittra Pastorali li bagħtulna fil-bidu tax-xahar ta' Mejju. Għalhekk bħala Ragħaj Spiritwali tagħkom nħossni fid-dmir aktar mis-soltu li fil-messaġġ tiegħi ta' din is-sena għall-jiem tal-festa ta' Santa Marija nħeġġiġkom bil-qawwa kollha biex:

** Tieħdu sehem fl-attivitajiet kollha reliġjużi, kulturali, filantropiċi u rikreattivi li sa jinżammu b'mod li l-parteċipazzjoni tagħkom fihom ma tkunx nieqsa mill-bilanċi essenzjali fis-sens li l-akbar importanza fil-festa għandkom tagħtuha liċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi;*

** Tħabirku ħalli l-jiem tal-festa jkunu għalikom tabilħaqq opportunita' sabiħa biex tiġġeddu spiritwalment u b'hekk tkunu toffru wkoll is-sehem tagħkom ħalli tfeġġ rebbiegħa ġdida u dejjiema fuq il-Knisja f'pajjiżna;*

** Tikbru fil-konvinzjoni li d-devozzjoni vera lejn il-Verġni Marija tikkonsisti fx-xhieda ta' ħajja awtentikament nisranija;*

** Toħolqu klima fejn wieħed iħoss li l-enfasi f'dawn il-ġranet qiegħda ssir mhux biex il-festa "tagħna" jkun fiha aktar ħsejjes, aktar ħajja u aktar briju mill-festsa 'tagħhom", imma biex nimmultiplikaw il-meżżi li bihom nitqaddsu;*

** Tikkonċentraw l-attenzjoni tagħkom u teżerċitaw l-enerġiji tagħkom fil-jiem tal-festa mhux fuq affarijiet li jfissru biss artifiċjalita' imma fuq ħwejjeġ aktar essenzjali li jkabbru l-maturita' tagħkom nisranija.*

Għalhekk fil-programm ġew organizzati attivitajiet li bihom fil-jiem tal-festa sa jkunu mfakkra jew mpenjati l-kategoriji kollha tal-kommunita' parrokjali: saċerdoti, żgħażagħ, tfal, ħaddiema, morda, inkapaċitati, tfal iltiema, emigranti u saħansitra l-mejtin tagħna li telqu qabilna minn dan il-wied tad-dmugħ bis-sinjal tal-fidi l-għaliex ilkoll kemm aħna għandna nżommu quddiem għajnejna li l-festa tiġi biex nkabbru r-rabta tagħna m'Alla.

Mons. Carmelo Scicluna
Arċipriet

www.gozocathedral.org.mt

KRONOLOGIJA DOKUMENTATA TA' GRAJJIET IL-KOLLEGGJATA TA' L-ASSUNTA F'GHAWDEX [1623 - 1672]

minn

ALEXANDER BONNICI

O.F.M.Conv.



Il-Kolleġġjata ta' l-Assunta li llum hi l-Katidral ta' Għawdex kienet ilha parroċċa sa minn mijiet ta' snin qabel ma saret Kolleġġjata. Imma, waqt li l-oriġni ta' dik il-Knisja u l-ewwel dinjitajiet mogħtijin lilha bħala Parroċċa u bħala Matriċi huma mitlufin fid-dalma ta' l-istorja, aħna nistgħu nsegwu b'pass wara l-ieħor il-ġrajjiet kollha li lilha wassluha biex tiġi mogħnija bil-ġieħ ta' Kolleġġjata u, iktar tard, Katidral tal-Gżira ċkejkna ta' Għawdex.

A. DOKUMENTI EWLENIN

1. *Edictum pro erectione Collegiatae et Matriciss Ecclesiae Gaudisii, anno 1623, die 6 Junii.*

: Dan l-Editt hu ta' l-Isqof Baldassri Cagliares. Tiegħu saret it-traskrizzjoni mill-Arkivju tal-Katidral ta' Malta (A.C.M., ms.75, ff.78r-82v) minn Alexander Bonnici O.F.M.Conv., u t-traduzzjoni minn Carmelo Scicluna u Giovanni B. Gauci: Monsinjuri tal-Katidral ta' Għawdex). Hu ppubblikat bit-traduzzjoni miegħu fi: 350 *Kolleġġjata*: 1623-1973, (1974), pp.9-15. L-editt oriġinali jinsab fil-Katidrral t'Għawdex.

2. *Bulla Papae Alexandri VII "Superna Dispositione" qua Parochialis Matrix Gaudisiensis dicata Assumptioni Beatae Mariae Virgini tamquam Collegiata erigitur.*

: Din il-Bolla hi d-dokument ewlieni fl-istorja ta' l-Ewwel Kolleġġjata ta' Għawdex. Il-Bolla ġġib id-data tal-20 ta' Ottubru, 1663. L-oriġina prezzjuż jinstab fl-Arkivju tal-Katidral ta' Għaw dex. Dwaru sar studju qasir minn Alexander Bon nici: *"Il-Bolla "Superna Dispositione" ta' Pap Alessandru VII* fi 350 *Kolleġġjata*: 1623-197 (1974),pp.16-17.

B. DOKUMENTI OĦRAJN

Bejn is-snin 1623-1663, u anki xi ftit wara ħargu bosta dokumenti li juru l-iżvilupp kollu t dawn il-ġrajjiet. Inniżżlu biss dawk li huma t xi importanza:

1. 20 *Ottobre* 1625: *Applicatione dell'Here dità di Nicolò Angelo Macanutio (già repudiat da Padri Giesuiti fatta dal Vicario Generale, actu visitationis a favore della Collegiata Ma*

www.gozocathedral.org.mt

rice del Gozzo, novamente eretta nel **1625.**

: Din hi kopja ta' dokument li ħareġ mill-Kurja Veskovili ta' Malta f'isem l-Isqof Cagliares. Il-kopja saret min-Nutar Andrea Vella. Imbagħad, ħafna snin wara, u eżattament fit-22 ta' Awissu, 1668, Dun Ġann Anton Cauchi, Vigarju Ġenerali ta' l-Isqof Luqa Buenos, jikkonferma din id-dispożizzjoni.

: Id-dokument hu wieħed twil ħafna għaliex jiġbor fih l-obbligi kollha u deskrizzjoni sħiħa tal-beni tal-Matriċi ta' l-Assunta ta' Għawdex. Hu jinsab fl-Arkivju Katidrali ta' Malta (A.C.M., ms.9,ff.357-369).

2. 31 *ottobre* 1628: ***Sentenza del Vicario a favore della Collegiata del Gozzo sopra l'heredità di Macanutio contro ad Isabella Scarso, che haveva ottenuto nel*** **1627,** ***un breve per applicatione di essa eredità ad un beneficio per il Clerico Antonio Scarso, suo figlio, nel*** **1628.**

: Dan qiegħed fl-Arkivju Katidrali ta' Malta (A.C.M., ms.9,ff.441-443).

3. 31 *maggio* 1631: *Attestato della visita ad limina: fatta da R. Gio Battista Cagliares, Vicario Generale, a nome del Vescovo, con l'approvazione dei Legati del Gozzo, per sei sacerdoti col peso dell'ore canoniche, et anche dell'eredità di Nicol Angelo Macanutio, purchè i Gesuiti rinuncino in forma iuris valida, e presti il consenso il Superiore dei Domenicani.*

: Dan hu wkoll qiegħed fl-Arkivju Katidrali ta' Malta (ms.20,ff.137-138). Imma, billi ta' ħafna mid-dokumenti l-istess Arkivju għandu sezzjoni oħra li 'l dawn tiġborhom fil-qasir, aħna ħadna minnha din il-ġabra qasira (A.C.M. *Index Documentorum,* t.2,ms.32b,31 maggio).

: De Soldanis isemmi dan id-dokument (It-Tieni Ktieb,p.20); imma l-kelmiet tiegħu dwaru ma humiex eżatti; huma jiftiehmu ħażin.

4. *Bulla Papae Urbani VIII "Nostri Pastoralis Officii".*

: Id-datazzjoni ta' din il-Bolla hi: 5 t'April, 1639. Aħna għandna nqisuha bħala dokument importanti fl-istorja tal-Kolleġġjata ta' Għawdex. Id-dokument fih innifsu hu wieħed prezzjuż. L-oriġinal tiegħu jinstab fl-Arkivju tal-Katidral ta' Għawdex.

5. *Rakkomandazzjoni ta' l-Inkiżitur ta' Malta Ġlormu Casanate biex il-Matriċi ta' l-Assunta f'Għawdex tingħata l-ġieħ ta' Kolleġġjata.*

: Id-datazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni hi: 24 ta' Mejju, 1661. Jiena qegħidtilha dan it-titlu skond il-kontenut tagħha għaliex fil-fatt hi sempliċement miġbura flimkien ma' l-ittri l-oħrajn li nbagħtu minn dak l-Inkiżitur. L-oriġinal jinstab fl-Arkivju Sigriet tal-Vatikan (A.S.V., S.S. *Malta,* 16,ff.140r-141r). Inħossni kuntent ħafna li sibt dan id-dokument tant interessanti għall-istorja għaliex, fil-fatt, hu diffiċli ħafna li wieħed jiltaqa' miegħu u jiena ma sibtux għaliex fittixtu. Ġie f'idejja waħdu: waqt riċerka fuq oqsma oħrajn ta' l-istorja ta' Malta. Jiena ppubblikajtu sħiħ kif inhu fil-ktieb: *Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex,* 1975, pp.109-110.

6. 10 *aprile* 1665: *Bolla del "Perinde Valere" ottenuta dalla Collegiata per la sua erettione nel* 1665.

: Din il-kitba tiċċara x'kellu f'moħħu l-Papa Alessandru VII meta lill-Matriċi ta' Għawdex għamilha Kolleġġjata. Aħna naraw li d-dokument għandu l-importanza tiegħu. Wara li nstab minni għall-ewwel darba fl-Arkivju Katidrali ta' Malta (A.C.M., ms.11,ff.152r-153v), kont diġà għarraftu lill-Istudjużi meta nkiteb l-artiklu: *Ħjiel minn Ġrajjiet il-Parroċċa ta' l-Assunta fis-seklu XVII*: 1663-1679 fi: *L-Għid ta' l-Assunta,* n.9,1974, pp.6-8. Id-dokument ġie ppubblikat sħiħ kif inhu fil-ktieb tiegħi: *Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex,* pp.111-113.

7. 23 *ta' Frar* 1668: *L-Inkiżitur Anġlu Ranuzzi, bħala Delegat Pontifiċju tal-Papa Klement IX, ġie nkarigat biex jesegwixxi l-Bolla Superna Dispositione li kienet ħolqot xi problemi.*

: Jiena ġbart dan id-dokument mill-manuskritt ta' De Soldanis (R.M.L., ms.145, ff.129v-130v). Meta G. Farrugia qaleb dik l-opra bil-malti, hu ħalla barra għadd ta' dokumenti; dan hu wieħed minn dawk li ma daħlux.

www.gozocathedral.org.mt

8. *La ragione storica degli obblighi imposti alla Collegiata e Matrice del Gozo dedicata all'Assunzione della Vergine.*

: Dan hu dokument bla data li aktarx li qatt ma ntmiss għall-istorja. Jiena ltqajt miegħu fis-sena 1976, u qatt ma għamilt użu minnu. Hi ittra lill-Awtoritajiet Rumani li tidher miktuba mill-Isqof ta' Malta biex jistaqsi jekk hux il-każ li ċerti eżenzjonijiet li daħlu fost dawk il-Kanonċi jkunu jistgħu jibqgħu. Id-dokument jinsab fl-Arkivju Katidrali ta' Malta (C.E.M., *A.O.*, ms.464, ff.156r-159r).

9. *La Collegiata dell'Assunzione "Insigne de Jure".*

: Din hi ittra li kellha tintbagħat u aktarx li qatt ma ntbagħtet. Jiena ġbartha minn Arkivju Privat, daħħalt il-kontenut tagħha kważi kollu fil-ktieb imsemmi *Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta*, pp.88-96. Billi hu xieraq li din il-kitba tkun fl-Arkivju tal-Katidral ta' Għawdex, jiena għaddejt il-kopja fotostatika tiegħi lil dan l-Arkivju.



Il-Katidral ta' l-Assunta.

www.gozo.gov.mt

L-Isqof ta' Malta u Għawdex Mons.

Baldassri Cagliares.

C. IL-ĠRAJJIET

** F'din il-ġabra kronoloġika, dak li jiena ejjer innizżel hu sostanzjalment meħud mill-is-udju tiegħi: *It-Twaqqif ta' l-Ewwel Kolleġġjata Għawdex: studju storiku u ġuridiku* fi *350 Kol-eġġjata*, pp.30-39.

** Hi ħaġa xierqa li wieħed jagħti daqqa ta' ħajn anki lejn *Brevis narratio historica Capituli Cathedralis olim Collegialis Gaudisiensis* li ġie publikat fi *Statuta Capitularia a Capitulo Ca-hedrali Gaudisiensi condita post promulgationem Codicis J.C. et ab E.mo ac Rev.mo D.no Mi-haele Gonzi Episcopo Gaudisiensi recognita et dprobata*, Melitae, 1936,pp.32-39. Din il-kitba li iegħda fl-Appendiċi ta' dawk l-Istatuti, bla ma ħid xejn, tiċċara anki għadd ta' aspetti li f'De oldanis (ara *Għawdex bil-Grajja tiegħu*: miġ-b bil-malti minn Mons. Dun Ġużepp Farrugia, -tieni ktieb, 1953,pp.16-21) kienu neqsin mill-żattezza.

** Sejjer inżomm quddiem għajnejja anki *Dati Importanti ta' l-Ewwel Kolleġġjata*: Ara 350 *Kolleġġjata*, p.8.

** Għajnuna ġenerali għad-dati ewlenin ta' ġrajjiet il-Katidral ta' Għawdex tinstab wkoll fil-ktieb tiegħi *Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex*, pp.121-123.

1621: Saru disposizzjonijiet mill-Kanonku Dun Franġisk Pontremoli, Vigarju Ġenerali u De-legat ta' l-Isqof Djoċesan Baldassri Caġliares, biex il-Quddies imħolli permezz ta' Legati jkun jista' jitqaddes. Id-dħul inġabar f'kaxxa li, iktar tard, kellha tkun kapitulari. Imma dak li sar ma rnexxiex għal tliet raġunijiet.

: Il-Qassisin kienu ftit wisq fin-numru.

: Il-legati ta' Quddies imħollijin mill-Għawd-xin kienu ħafna.

: Id-dħul minn fuq il-Legati kien ftit, u lan-qas dan il-ftit ma kien qed jinġabar dejjem.

www.gozocathedral.org.mt

1623: L-Isqof Baldassri Cagliares innifsu żar il-gżira ta' Għawdex. Hu ntebaħ li l-Amministratur li kien tħalla biex jiġbor il-flus tal-Legati kien tassew għamel ħiltu, imma l-problema kienet għadha ħemm. Għalhekk, għall-ewwel darba, lill-Isqof ġietu l-idea li lill-Matriċi ta' l-Assunta jgħolliha għall-ġieħ ta' Kolleġġjata: "Billi sibna li żewġ jew tliet Quddisiet mħollijin biex isiru kuljum ma humiex isiru u, mħabba dan, ma hix moqdija l-fehma ta' min ħalliehom, billi ma hawnx qassisin biżżejjed biex jistgħu jagħmluhom: u mill-banda l-oħra, billi Aħna rridu li dawn l-obbligi jiġu magħmulin mill-aħjar bil-parir u bil-ftehim tas-Sinjuri Konviżitaturi tagħna, qtajna li nwaqqfu Kolleġġjata f'din il-Knisja Matriċi, kif tabilħaqq f'din il-viżta tagħna sejrin inwaqqfu: imma bil-kundizzjoni li l-Papa Girgor XV u l-Imqaddsa Sede Appostolka jagħtu l-kunsens tagħhom u jikkonfermawha. U, sabiex lil dik il-Knisja jgħolliha iżjed fid-dinjita, l-Isqof, skond is-setgħa ordinarja tiegħu, lill-Kap spiritwali tagħha, taħ uffiċjàlment id-dinjità ta' Arċipriet: titlu li, wara kollox, kien diġà ilu jgawdih sa minn ħafna żmien; imma lill-Isqof ġieħ id-dubju jekk kienx ingħata uffiċjalment.

L-Arċipriet u ħames Qassisin oħrajn intrabtu bl-obbligu ta' l-Uffiċċju Divin u ta' devozzjonijiet oħrajn li għalihom kienu ta' vera rabta għaliex tgħabbew bihom minflok iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Quddies. Għalhekk, l-Editt ta' Cagliares jagħti bir-raġun kollu enfasi kbira lil dawn il-kelmiet li ġejjin: "Nobbligaw l-imsemmijin Kanonċi Kolleġġjanti u l-Arċipriet li, f'kull sagrifiċċju u fit-talb kollu, jiftakru dejjem f'dawk il-mejtin li taw jew 'il quddiem għad jagħtu dik l-elemożna".

Kull meta jitbattal xi post, dak li jintagħżel kellu jkun għawdxi: sakemm jinstabu saċerdoti li jistħoqqilhom. Skond l-Atti tal-Viżta, l-Isqof kellu jressaq dawk id-disposizzjonijiet quddiem is-Santa Sede. Dan kien skond dritt mogħti lill-Isqfijiet fil-Konċilju ta' Trentu (Sess.25, *Decretum de reformatione generali,* cap.4).

1625: L-Isqof Cagliares kien għadu qed jistenna li jirċievi dokument ta' approvazzjoni minnaħa ta' l-Awtoritajiet Rumani. Imma, fis-Sinodu tad-Djoċesi, ikkonferma għal darb'oħra x-xewqa tiegħu li lil dik il-Parroċċa ta' l-Assunta jagħmilha Kolleġġjata. Hu raġa' tenna li l-għan ewlieni li ġiegħlu jasal għal dik id-deċiżjoni kien fil-fatt li ried li l-Legati mħollija mill-Fidili jiġu sodisfatti. Imma kien għadu qed jistenna li l-Kongregazzjoni tal-Konċilju titkellem biex tikkonferma dak li hu kien iddispona.

Ftit tas-snin qabel, u eżattament fl-4 ta' Settembru 1618, Nikola Anġlu Maħnuq kien għamel testment għand in-Nutar Ġann Xmun De Lucia. Hu ħalla bħala werrieta tiegħu l-Ġiżwiti tal-Kulleġġ tal-belt Valletta: imma b'kundizzjoni li dawn jibnu dar f'Għawdex u jgħammru fiha b'mod permanenti; din id-dar kellha tinbena fi żmien tliet snin. Wara li kienu aċċettaw, lill-Ġiżwiti ġiehom ordni mingħand il-Ġeneral tagħhom biex iħalluh... It-Testatur innifsu ddispona li, jekk li-Ġiżwiti jiċ... ħdu l-offerta kondizzjonata tiegħu, ġidu jaqa' fu... id-Dumnikani tal-Kunvent tal-Portu Salvu ta' l-istess belt Valletta; imma lil dawn ukoll rabathom b'kundizzjoni: hemm bżonn li jibnu kunven... ġewwa l-Kastel ta' Għawdex, u dak il-Kunven... ried ikollu dejjem Patri li jippriedka l-kelma t'Al... la lil min joqgħod f'dak il-kastel fil-jiem kollh... ta' festa jew ta' obbligu għall-Quddies.

Wara li l-Ġiżwiti aċċettaw l-offerta u ċa... duha u wara li d-Dumnikani wrew li ma għand... hom l-ebda nteress partikulari fiha, dik il-pr... prjetà ta' Nikola Anġlu Maħnuq waqgħet f'ide... l-Isqof tad-Djoċesi biex dan jiddisponi minn... b'mod li d-deċiżjoni tiegħu tkun qrib tax-xew... tat-testatur. Għalhekk, l-Isqof Cagliares, b'digri... tas-sena 1625, u b'att notarili regolari, ordna... dak il-wirt jaqa' fuq il-Knisja Matriċi ta' Għaw... dex sabiex ikollha mezzi iżjed għall-għajxien... sabiex ikun possibbli għaliha li żżid fin-num... tal-Kanonċi. Dak l-obbligu li kien ġie mixtie... mid-Dumnikani (li kieku kellhom jaċċettaw) ġ... impost fuq il-Kanonċi ta' din il-Knisja għaliex... Isqof ordna li jkun hemm predikatur biex ixand... il-kelma t'Alla; imma din id-dispossizzjoni hi i... tar mifruxa minn dik tat-testment għaliex il-Pr... dikatur ma kienx qiegħed hemm biex ixandar i... kelma t'Alla lil dawk li jgħammru fil-kastel bis... imma għall-Għawdxin kollha kemm huma. Dw... l-obbligi l-oħrajn mixtieqa mit-Testatur, l-Isq... ordna li l-Kanonċi jagħmlu ħilithom biex, s...

www.gozocathedral.org.mt

kemm hu possibbli għalihom, ma jonqsux milli jqegħduhom fil-prattika.

Id-dokument li nstab (A.C.M.,ms.9,ff.357-369) ifisser tajjeb liema kienu dawk il-beni. Għalkemm għad ma kienx hemm l-approvazzjoni rumana għall-Kolleġġjata, ġiet użata l-kelma Kanonċi għall-Qassisin ta' dik il-Knisja għaliex din it-terminoloġija qiegħda fit-test innifsu. Fil-fatt, anki l-Knisja nfisha tissejjaħ dejjem Kolleġġjata; għalissa, nevita li nsejħilha hekk sabiex ma noħloqx ambigwita fl-esposizzjoni.

1628: F'Ottubru 1627, mara jisimha Isabella Scarso, li kienet tiġi mill-imsemmi Maħnuq qarrqet bl-Awtoritajiet Rumani u, billi ma qalitx il-verità sħiħa, hi rnexxielha takkwista dokument li bih il-ġid ta' Maħnuq kellu jaqa' fuq binha. Imma, fil-31 ta' Ottubru 1628, ġie kkonfermat li l-wirt ta' Maħnuq kellu jkun tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex, u għalhekk, b'sentenza maqtugħa mill-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Malta (A.C.M., ms.9,ff.441-443), ġie ddikjarat li d-deċiżjoni ta' Ruma għar-raġunijiet qarrieqa li bihom kienet ġiet mogħtija ma kellhiex tiġi esegwita.

1631: Fil-31 ta' Mejju, ħareġ digriet tal-Kongregazzjoni tal-Konċilju biex bih tingħata tweġiba lill-Isqof Cagliares li kien għadu qed jistenna d-deċiżjoni ta' Ruma. Minnu jidher tajjeb li l-Qassisin Kolleġġjanti ma kenux iżjed sitta, imma sebgħa: u dan ġara bis-saħħa taż-żieda tal-Wirt "Maħnuq".

L-Isqof wassal it-talba tiegħu għall-konferma tal-Kolleġġjata permezz ta' Ġwanni Battista Cagliares, il-Vigarju Ġenerali tiegħu. It-talba tressqet quddiem il-Kongregazzjoni tal-Konċilju. Il-Kongregazzjoni ammettiet li l-qagħda ta' Għawdex kienet kif ġiet ippreżentata, u għalhekk kienet ħaġa sewwa li jinstab mezz biex dak il-Quddies imħolli jiġi sodisfatt b'mod ieħor. Għalhekk, il-Kongregazzjoni qablet li dawk l-obbligi jiġu sodisfatti skond id-disposizzjonijiet ta' l-Isqof. Hi qablet ukoll li l-ġid "Maħnuq" jitgawda minn dik il-Knisja skond il-kondizzjonijiet imqiegħda.

Imma lill-Qassisin tal-Matriċi, id-digriet tal-Kongregazzjoni ma sejħilhomx Kanonċi, u lill-Knisja ma sejħilhiex Kolleġġjata (A.C.M.,ms.20, ff.137-138).

Għalhekk, il-Matriċi ta' Għawdex kienet għadha qed tistenna xiħaġa iżjed ċara.

1639: Il-Papa Urbanu VIII, bil-Bolla *Nostri Pastoralis Officii* tal-5 t'April, approva għall-ewwel darba li dawk il-Qassisin tal-Matriċi ta' Għawdex jissejħu Kanonċi. Imma għadha ma hix l-approvazzjoni definittiva għaliex, fil-Bolla tiegħu, il-Papa juri li Ruma għadha ma hix qiegħda tagħtiha dak it-titlu. Għalhekk, mill-Bolla, nieħdu biss din l-espressjoni: "Daqs li kieku dik il-Knisja nħatret Kolleġġjata għall-Qassisin". Hu ried igħid li hi kellha kollox ta' Kolleġġjata; imma kien għad jonqosha t-titlu b'mod uffiċjali. Hu jippermetti li t-titlu jibqa' jintuża. Għalhekk, lill-Qassisin ta' dik il-Matriċi, il-Papa, fl-bolla tiegħu, isejħilhom dejjem b'titlu doppju: "Qassisin jew Kanonċi". Fi kliem ieħor, hu ried igħid: għas-Santa Sede, huma għadhom Qassisin, imma intom tistgħu ssejħulhom anki "Kanonċi".

1661: L-Inkiżitur Ġlormu Casanate, b'ittra miktuba lill-Kardinal Segretarju ta' l-Istat Pontifiċju, fl-24 ta' Mejju, ifisser kemm tilwim kien inqala' f'Għawdex f'dawk l-aħħar żmenijiet. Jidher ċar li dik id-disposizzjoni ta' Cagliares bil-magħruf Editt tiegħu kienet ħolqot ħafna problemi. Huma kienu ntebħu li kien hemm xiħaġa li kienet għadha ma kenitx f'postha. Għalhekk kien meħtieġ li l-Papa jitkellem b'mod ċar u jagħti d-deċiżjoni definittiva tiegħu. Għalkemm ma kellhiex it-titlu b'mod uffiċjali, 'il dik il-Knisj Matriċi kienu jsejħulha Kolleġġjata. Imma hi ħa ġa ċerta, ikompli jgħid l-Inkiżitur, li, jekk dak it titlu jingħata b'mod uffiċjali, kulħadd jifraħ bi (A.S.V., S.S. *Malta*,16,ff.140r-141r).

1663: Il-memorjal tal-Għawdxin lill-Pap Alessandru VII ma wasalx f'idejna. Imma akta li kien jiġbor fih tagħrif storiku li lilna waslil minn kitbiet oħrajn. Il-Kleru tal-Matriċi t Għawdex xtaq mingħand Alessandru VII li da jikkonferma l-Editt ta' Cagliares b'mod li t-twa qif tal-Kolleġġjata jibda jitqies minn dik is-se 1623. Jekk dak ma kienx possibbli, il-Kleru tal li jsir dak li fil-Liġi tal-Knisja jissejjaħ *"Sanat*

www.gozocathedral.org.mt



Il-Papa Alessandru VII

in radice"; dan ifisser għal xi ħaġa li ma tkunx regolari meta ssir, imma żmien wara titqies daqs li kieku kienet regolari; dan it-tieni tentattiv kien ukoll biex dik il-Knisja tintrabat mas-sena 1623. Jekk lanqas dan ma kien possibbli, allura x-xewqa ħerqana kienet li jingħata dokument ċar li bih il-Kolleġġjata ssir tassew. U l-Papa deherlu li għandu joqgħod għal din l-aħħar proposta.

Is-sena 1663 hi l-iktar waħda importanti għall-istorja tal-Kolleġġjata Ewlenija ta' Għawdex. Fiha ħarġet il-bolla *"Superna Dispositione"*, fil-20 ta' Ottubru. Il-Bolla turi kemm kien xieraq li Għawdex ikollu l-Kolleġġjata tiegħu, u din issir fil-Knisja Matriċi ta' l-Assunta. Il-Kolleġġjata, skond il-kelmiet tal-Bolla, twaqqfet mill-ġdid bissetgħa appostolika. U, sabiex għaż-żmien ta' wara ma tinqala' l-ebda problema oħra dwar jekk dik il-Knisja kenitx Kolleġġjata jew jekk dawk il-Qassisin kenux Kanonċi, il-Papa ordna li kull wieħed minnhom jitlob mill-ġdid biex isir Kanonku. Jekk dawk l-Qassisin ma kellhomx jagħmlu hekk fi żmien sitt xhur, il-post tagħhom kellu jitqies vojt u jingħata lil ħaddieħor.

1664: **Id-dokument uffiċjali kien ħareġ, u kull dubju kien spiċċa; imma komplikazzjonijiet oħrajn ma naqsux. Ċara li meta l-Bolla Pontifiċja waslet Malta, l-Isqof tad-djoċesi Mikiel Balaguer kien għadu kif miet; għalhekk, il-Vigarju tiegħu ma satax iqiegħed dik il-Bolla fil-prattika. Kellu jintalab dokument ieħor b'approvazzjoni ġdida. Il-Bolla ntbagħtet għal darb'oħra, u dak li jesegwiha kellu jkun l-Inkiżitur ta' Malta Galeazzo Marescotti (1663-1666). Dan id-dokument ġdid iġib id-data tal-20 ta' Novembru 1664. Kulma għandha ġdid din il-Bolla qiegħed fil-protokoll tagħha, u naturalment fid-datazzjoni.**

1665: Il-problemi baqgħu ma spiċċawx. Minbarra xi diffikultajiet żgħar dwar in-numru tal-Kanonċi, inqalgħet il-problema serja dwar jekk il-Kolleġġjata l-ġdida kenitx għadha parroċċa jew le. Id-digriet tal-Kolleġġjata l-ġdida kien fih x kelmiet li setgħu jiftiehmu ħażin. Imma Bolla oħra tal-10 t'April 1665 iċċarat ukoll dan l-aspett. Il-Kolleġġjata ta' l-Assunta kienet għadha Parroċċa għaliex Papa Alessandru VII ma kellux f'moħħu li jneħħilha dak li ma neħħilhiex l-Isqof Cagliares fis-sena 1623. Minħabba dawn id-diffikultajiet, is-sitt xhur mogħtijin lill-Kanonċi biex daw jakkwistaw posthom regolarment kienu għadhom ma setgħux jibdew jitqiesu. Id-disposizzjonijie il-ġodda ma waslux malajr għand l-Inkiżitur t Malta. Tant hu hekk li meta huma waslu, fis-sen 1666, Marescotti kien wasal biex itemm l-uffiċċj tiegħu ta' Inkiżitur, u għalhekk lanqas hu m qegħidhom fil-prattika.

1668: L-Inkiżitur ta' Malta li kellu jqiegħe fil-prattika l-Bolla tal-Kolleġġjata kien Angl Ranuzzi. Hu għamel dan fit-23 ta' Frar 1668. Da l-Inkiżitur, bħala Delegat Pontifiċju, ta d-dritt jiet tagħhom lill-Arċipriet u lil erba' Kanonċi għamlu t-talba biex jinħatru. L-oħrajn inħatr permezz tad-Delegat ta' l-Inkiżitur fil-5 ta' D ċembru ta' l-istess sena. Il-Prokuratur li, sa ft qabel kellu jintgħażel mill-Isqof u f'idejh kell r-responsabiltà li l-Quddies imħolli b'legati jsi beda jiġi magħżul mill-Kapitlu nnifsu.

1669: Kien għad fadal xi ftit tilwim dwa

www.gozocathedral.org

l-applikazzjoni tal-wirt "Maħnuq" għall-Kolleġġjata ta' Għawdex; imma, fl-aħħar, intlaħaq ftehim. Għalhekk, fis-sena 1669, il-Kanonċi bdew igawdu disa' Prebendi Kanonikali. (C.E.M., *A.O.* 464,f.156v.).

1672: L-Isqof Cagliares kien żamm għalih u għas-suċċessuri tiegħu d-dritt li jżid jew inaqqas in-numru tal-Kanonċi, u ta' dawk kollha li jieħdu xi salarju tal-ħidma pastorali tagħhom fil-Kolleġġjata. Għalhekk, fis-sena 1672, meta f'Għawdex ġew soppressi xi Knejjes, l-Isqof ta' Malta Lorenzo D'Astiria, b'setgħa appostolka lilu mogħtija minn Papa Klement X, iddispona li l-Kanonċi jkunu għaxra: li wieħed minnhom ikun l-Arċip riet. Ma' dawn kellhom jitqiesu wkoll sitt Kap pillani li huma wkoll igawdu xi rikompensa għa servizz tagħhom fil-Knisja, u kellha tingħat rikompensa anki lil dak li jagħmilha ta' turifera ju, lil erba' kjerċi, żewġ sagristi, u organista (*il* f.157rr).

Il-ġrajjiet jibqgħu sejrin. Kull żmien iġ miegħu t-tibdil tiegħu. Imma jeħtieġ ukoll li j ru studji ġodda biex nistgħu nkunu xi ftit iżj ċerti minn dak li niktbu. Id-dokumenti jeżistu xejn ma jonqos ħlief li xi kittieb isib ftit żmi u jeżaminahom sabiex jissokta jdawwal l-isto tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex.

www.gozocathedral.org.mt

IL-MUZEW IL-GDID TAL-KATIDRAL

"Hija ħaġa proprja tal-persuna tal-bniedem illi huwa ma jasalx għall-ġagħda li tassew u għal kollox tixraq lill-bniedem, ħlief permezz tal-kultura, jiġifieri billi jgħożż dak li huwa tajjeb u li jiswa fin-natura". Dan il-kliem jgħidu l-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni Pastorali dwar 'Il-Knsija Fid-Dinja Tal-Lum', fin-numru 53 ta' l-istess dokument.

Ma hemmx dubju li l-Knisja tat kontribuzzjoni l-aktar kbira għall-iżvilupp tal-kultura fil-bniedem u f'diversi oqsma tal-kultura.

Wieħed minn dawn l-oqsma huwa l-ħarsien tal-patrimònju artistiku u storiku fis-settur reliġjuż. Il-Knisja minn dejjem inkoraġġiet u ppatroċinat l-arti u riedet li dak li huwa artistiku jkollu mportanza kbira fil-ħajja liturġika għaliex dan huwa "ta' siwi kbir fil-Knisja għax l-għan tagħha hu li tgħin il-bniedem biex jerfa' ħsibijietu lejn Alla". (Lumen Gentium, 122).

Fil-patrimonju qadim u artistiku tagħha l-Knisja tara l-espressjoni tal-fidi skond it-tradizzjonijiet ta' bnedmin tal-qedem, u bil-ħarsien ta' dan il-patrimonju hija tinqeda mhux biss biex tedu-ka u tgħallem iżda wkoll biex tispira bnedmin oħra għall-iżvilupp ulterjuri tal-fakultajiet tagħhom.

Dan kien fil-ħsieb ta' dawk responsabbli u li ħabirku ħalli jitwaqqaf il-Mużew tal-Katidral fid-Djoċesi tagħna. Il-mużew mhux turija tar-rikkezzi tal-Knisja u wisq inqas huwa għajn ta' profitt ekonomiku. Barra mill-fatt li kull mużew għandu jipprova jkabbar il-kollezzjonijiet tiegħu, iż-żamma ordinarja tiegħu flimkien mar-restawri meħtieġa minn żmien għal żmien jitolbu spejjeż kbar li żgur ma jippermettux tkattir tal-fond ekonomiku. Pjuttost, dan ifisser li l-Knisja trid tiffaċċja ss-agrifiċċju biex tipprovdi l-mezzi fnanzjarji meħtieġa għall-ħarsien xieraq tal-mużewwijiet tagħha.

IL-MUŻEW TAL-KATIDRAL

Il-Mużew tal-Katidral ta' Għawdex kien ilu snin kbar fil-ħsieb ta' l-Isqfijiet u tal-Kapitlu Katidrali: difatti, il-kostruzzjoni li kien hemm flok il-binja attwali tal-mużew, kostruzzjoni mwettqa meta Mons. Gonzi kien Isqof ta' Għawdex, kellha l-ħsieb li sservi ta' lokal għall-istess mużew. Fil-fatt, il-mużew ġie miftuħ fil-21 ta' Ottubru 1979 mill-Isqof attwali, Mons. Cauchi.

Il-bini tal-mużew sar fuq pjanta tal-perit Joe Dimech u jikkonsisti fi tliet swali fuq xulxin. Il-perit Dimech ħa ħsieb li l-bini l-ġdid ma joħloqx kontrast ma' l-ambjent jew b'xi mod ieħor imur kontra l-estetika tal-lokal. Anzi, l-binja tal-mużew, minn barra aktarx li hija anqas għolja minn dik li kien hemm qabel u dan serva biex il-kampnar u l-binja sħiħa tal-Katidral baqgħu jżommu d-dehra sabiħa tagħhom f'nofs iċ-Citta della.

Fl-intern tal-mużew wieħed isib għadd ta vettrini fejn huma mħarsa l-oġġetti għall-għaj nejn tal-viżitaturi. Dawn il-vetrini saru fuq disin ni tas-Sur Carmelo Grech li offra l-ħidma kollha tiegħu gratis. It-tqegħid tal-vetrini f'posthom ki ukoll l-aħħar issettjar tagħhom kien f'idejn il mastrudaxxa Ġorġ Farrugia li ħa ħsieb ukoll t

www.gozocathedral.org.mt

ID-DITTA

A.F. ELLIS LTD.

B'40 SENA ESPERJENZA
FIL-MANIFATTURA TA' KULL
XORTA TA' MADUM
TA' PRIMA KWALITA'
THABBAR LI SER TESPANDI
L-IMPJANT TAGĦHA
B'MAKKINARJU ĠDID
LI JOĦROĠ IL-MADUM ILLUSTRAT

MADUM DEJJEM AĦJAR U ISBAĦ
BLA DEWMIEN
PREZZIJIET MODERATI

HEAD OFFICE:

4, GĦAJN QATET STREET, VICTORIA.

Tel. 556021.

TONY'S STORE

JEW AĦJAR

IL-MEKKA TA' L-GĦAWDXIN
JOFFRI L-ORĦOS PREZZIJIET FUQ
KULL MA GĦANDEK BŻONN FID-DAR

Tixtrix qabel tara l -assortiment tagħna ta'

FRIDGES — COOKERS
WASHINNG MACHINES — LINEF
U MITT ELF ĦAĠA OĦRO TA'
ĦTIEĠA JEW LUSSU GĦAD-DAR
ISSIBNA MALAJR GĦAX FIS-SAQAJN

25, IT-TOKK, RABAT — GĦAWDEX.

Ċempel: 556629.

www.gozocathedral.org.mt

GHALL-AHJAR

ISTALAZZJONI

TAD-DAWL

ELETTRIKU

GHAND

JOHN GRECH

KERCEM — GHAWDEX

www.gozocathedral.org.mt

soffitti fil-pjan terren u fil-pjan ta' fuq, kif ukoll tad-dekorazzjoni kollha fl-istess mużew skond ma kienet iddesinjata mis-Sur Grech.

Kien hemm ukoll persuni oħra li offrew l-għajnuna siewja tagħhom fix-xogħol tat-tħejjija, b'mod partikolari dan ngħiduh għas-Sur Anton Saliba. Il-madum ta' l-art u l-irħam tat-tarag inħadem mid-ditta Farrugia Ellis u tpoġġa f'postu mill-bajjad Ġorġ Bugeja. L-istallazzjoni tad-dawl elettriku fil-vetrini u fil-lokal kollu kienet f'idejn id-ditta Mompalao.

IL-KONTENUT TAL-MUŻEW

Fl-ewwel sala tal-mużew, dik tal-pjan terren, hemm esibiti oġġetti tal-fidda li kienu u għadhom, fil-parti l-kbira tagħhom, jservu għall-kult liturġiku fil-Katidral. Dawn l-oġġetti ġew regalati mill-fidili, kif ukoll minn Monsinjuri, Isqfijiet u Papiet lill-Knisja Katidrali.

Wieħed jinnota li dawn l-oġġetti huma miżmuma ġo vetrini fuq sfond iswed, kif iswed ukoll huwa l-kulur tal-madum tal-art u tas-soffitt tal-istess kamra. Dan sar apposta mid-disinjatur imsemmi u bl-iskop li l-oġġetti esbiti jispikkaw aktar fuq l-iswed ta' madwarhom.

It-tieni sala tal-mużew tiġi fuq l-istess livell ta' Triq Fosse li twassal għall-qalba taċ-Ċittadella. Minn din is-sala wieħed isib il-bieb prinċipali għad-dħul fl-imużew. Fl-istess sala hemm konservati l-biċċa l-kbira tal-parimenti sagri tal-Katidral, bħalma huma l-baldakkin l-antik, mitri ta' l-Isqfijiet Djoċesani u abiti sagri oħra ta' Prelati tal-Knisja, nkluż ukoll l-amittu li bih Papa Giovanni XXIII qaddes fl-aħħar ġranet ta' ħajtu.

Waħda mill-attrazzjonijiet kbar ta' din is-sala hija l-karozzella li kienet tintuża mill-Isqfijiet ta' Għawdex. Din il-karozzella għadha fi stat tajjeb ferm u l-aħħar li ntużat kien fi żmien l-Isqo[f] Mons. G. Pace. Dawk kollha li jżuru l-mużew jgħaddu tul sewwa ta' ħin jiflu l-karozzella li fi ha nfisha hija biċċa xogħol sabiħa ħafna.

Fit-tielet sala tal-mużew wieħed jiltaqa' ma għadd ta' kwadri; uħud minnhom kienu jintużaw fl-istess knisja, oħrajn kienu jappartjenu lil xi kap pelli li llum jinsabu meqruda. Hawnhekk insibu wkoll kwadri mpittra bix-xbieha ta' nies prom nenti Għawdxin, benefatturi tal-Katidral u t gżiritna.

Mingħajr l-iċken dubju, l-kwadru l-aktar teressanti f'din is-sala huwa l-politiku li oriġina jament kien it-titular tal-knisja l-qadima li kien teżisti qabel il-Katidral tal-lum. Dan il-politi huwa mpitter fuq l-injam u jikkonsisti f'sel kwadri ta' qisien differenti u b'figuri differen Huwa xogħol tal-bidu tas-seklu XVI u huwa mportanza storika kbira.

F'kamra apposta, fl-istess pjan ta' fuq, he miżmum l-arkivju tal-Katidral fejn hemm kon vati għadd sewwa ta' dokumenti li għandh x'jaqsmu tant ma' din il-knisja Katidrali ke ukoll ma' knejjes oħra f'Għawdex. Id-dokum huma miżmuma f'armarji apposta u mħarsa m possibilta' ta' ħruq, xogħol tad-ditta Bezzin Bros. ta' Malta. Parti mid-dokumenti huma muma għall-eżibizzjoni, protetti mill-ħġieġ, u tgħu jarawhom esibiti dawk kollha li jżuru l-żew. Fost dawn id-dokumenti nsibu l-Bolla Kolleġġjata, l-Bolla tad-Djoċesi, dawk ta' xi fijiet Djoċesani, kif ukoll dik tal-ħatra ta' M Pace Forno — l-aħħar Isqof ta' Malta u Għ dex. Il-Bolla ta' Mons. Pace Forno ġiet rega

www.gozocathedral.org.mt

lill-Katidral mill-Imħallef A.J. Montanaror Gauci li għoġbu jirregala xi tifkira oħra tal-istess Isqof Agostinjan. Għalkemm id-dokumenti kollha jinsabu miġbura u protetti, pero' għad fadal xogħol ieħor x'isir fl-arkivju għaliex l-arranġament taddokumenti minn esperti f'dan il-qasam għadu ma twettaqx.

KONKLUŻJONI

Il-mużew ilu biss ftit xhur miftuħ, pero' nnumru ta' dawk li ġew iżuruh kien inkoraġġjanti, u wisq aktar kienu nkoraġġjanti l-kummenti tagħhom favur li-mużew. Dan huwa sodisfazzjo[n] mhux biss għal dawk li kienu responsabbli mill-proġett tal-mużew, iżda wkoll għal dawk il-per[...]suni li offrew oġġetti biex jitpoġġew fl-istess mu[...]żew — u dawn kienu diversi, saċerdoti u lajċi [...] lilhom ilkoll aħna nroddu ħajr minn qalbna.

Jalla l-eżempju tal-benefatturi tal-mużew tant dawk mejtin u kemm dawk li għadhom ħa[...]jin, jiġi imitat minn oħrajn biex huma wkoll iku[...]nu taw is-sehem tagħhom għall-ħidma edukatri[...] tal-Knisja f'art twelidna.

• JOSEPH CARUANA & Co. Ltd •

59, REPUBLIC STREET, VICTORIA, GOZO

JICCELEBRAW

— IS-60 ANNIVERSARJU —

60

FL-IMPORTAZZJONI TA' KULL MATERJAL TA' BINI

—— BIL-FTUĦ TAL-FABBRIKA ——

• CARUANA HOOKS + NAILS •

LI TIMMANUFATTURA KULL KWALITA' U DAQS

TA' IMSIEMER U GRAMPUNI

GĦAL LOKAL U GĦALL-ESPORTAZZJONI

www.gozocathedral.org.mt

ITTRA TAS-SENA 1767 LI TAGHTI XHIEDA TA' L-IMPORTANZA TAL-KOLLEGGJATA TA' L-ASSUNTA FIL-KASTEL TA' GHAWDEX

Sa mill-ibgħad żmenijiet il-Knisja Kolleġġjata ta' l-Assunta, illum il-Knisja Katidrali, kienet miżmuma bħala knisja li tgħodd mijiet ta' snin u li għandha l-ikbar importanza fil-ħajja reliġjuża tal-Poplu Għawdxi. Difatti fl-1767, aktar minn mitejn sena ilu, din il-mentalita' kienet prevalenti ħafna fost dawk li kienu jissejħu l-"intelligensia" ta' dawk iż-żmenijiet.

Din l-istqarrija hija msaħħa u korroborata b'ittra li s-Sur Ġużeppi Gauci Apap kiteb lill-Patri Pelagio Kapuċċin li f'dak iż-żmien kien domiċiljat fil-kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini ta' Għawdex. Xhieda tal-verità li dan il-patri kien jgħammar fil-kunvent ta' Għawdex hija l-manjiera kif is-Sur Gauci Apap indirizza lil dan Patrir Pelagio. (1)

IL-KNISJA EWLENIJA

Is-Sur Ġużeppi Gauci Apap fl-ittra tiegħu wera biċ-ċar li f'dak iż-żmien il-poplu kien iżomm li l-Knisja Katidrali tal-lum kellha l-oriġini tagħha minn żmien San Pawl.(2) Huwa veru li m'għandna xejn dokumentat dwar din il-verità u għalhekk fid-dinja tal-lum meta sar tant progress fil-qasam tal-istsudju ta' l-istorja, asserzjoni bħal ddin ma tistax tiġi aċċettata mill-istudjużi ta' l-istorja għax ma hijiex mibnija fuq kriterji xjentifiċi. Iżda din l-istqarrija għandha wkoll l-importanza tagħha l-għaliex biex in-nies ta' dawk iż-żmenijiet kif ukoll ta' qabilhom ħolqu din il-mentalita' dwar il-Knisja Katidrali bil-fors li sa minn dejjem din il-Knisja kienet tgawdi ċerta superjorita' fuq il-knejjes l-oħra eżistenti f'Għawdex f'dik l-epo Kieku ma kienx hekk, kieku n-nies ta' din l- f'Għawdex ma kienux japplikaw l-oriġini paw lil din il-knisja imma lil xi knisja oħra li fl-opi ni tagħhom kien tabilħaqq jistħoqqlha dan il- vileġġ u dan il-mertu. Barra minn hekk, hija ġa l-aktar loġika li l-istudjużi ta' dawk iż-żm jiet kienu jikkontestaw asserzjoni bħal din k din il-prerogattiva ta' l-oriġini pawlina ki tistħoqq lill-knisja oħra eżistenti f'Għawde mhux lill-Katidral tal-lum.

Forsi ssib ukoll min joġġezzjona għal di konklużjoni bl-argument li fit-tieni nofs tas- lu tmintax f'Għawdex ma kienx hawn nie skola u għalhekk ħadd minnhom ma kien ka intelletwalment joffri kontribut oġġettiv iwaqqa' storikament dak li kienu qegħdin j rixxu x'uħud dwar il-knisja Katidrali tal-lum da l-istess Gauci Apap fl-ittra tiegħu lill- Pelagio Kapuċċin ta indikazzjonijiet l-aktar li f'Għawdex f'dak iż-żmien kien hawn ħ għorrief fit-teoloġija, fil-liġi u fil-mediċina.(

Din l-ittra għalhekk li s-Sur Gauci bagħat lill-imsemmi Patri Kapuċċin hija prov ra ċara fis-sensiela twila ta' provi li l-Knisja drali tal-lum dejjem kienet miżmuma bħal Knisja ewlenija u l-aktar prinċipali fil- Għawdxija, indipendentement mid-data tat-t qif ġuridiku tagħha bħala parroċċa.

KAP TAL-PARROĊĊI L-OĦRA

Din l-ittra li tagħha qiegħda ssir din l- lisi tagħmel ukoll rivelazzjoni li l-Knisja Ko ġjata u Matriċi ta' l-Assunta, illum il-Kati

RIFERENZI:

1. Al Molto Reverendo Padre Padrone mio Colendissimo, il P. Pelagio Maria, Predicatore Capuccino nel Conver Gozo: A.C.M., 55, f.30r.
2. "L'antichita' della sudetta Chiesa la quale tiene l'origine come fu fondata sin dalla venuta del glorioso Apc San Paolo come sia per tradiione, e ciò s'afferma il Padre Masucci sulla città del menzionato Apostolo al II, cap.10": Ibid., f.29r.
3. "Vi sono diversi Dottori in Theologia, Legge e Medicina, i quali motivi sono a mio credere sufficienti a d trare l'insignità di quest'isola del Gozo": Ibid., f'30r.

www.gozocathedral.org.mt

kienet il-kap tas-7 parroċċi f'Għawdex f'dak iż-żmien kif ukoll tal-knejjes l-oħra ż-żgħar li kienu mxerdin f'din il-gżira tat-tliet għoljiet.(4) Liema kienu s-seba' parroċċi l-oħra f'Għawdex fis-sena 1767? F'dak iż-żmien dawn il-parroċċi l-oħra kienu San Ġorġ, Xewkija, Għarb, Sannat, Xagħra, Nadur u Żebbuġ.(5) Savina u San Ġakbu f'dik l-epoka diġa' kienu tilfu l-parrokjalita' tagħhom. Difatti dwar il-knisja ta' Savina, Patri Alex Bon-

nici kiteb hekk: "Skond id-dokumenti li għand na f'idejna, il-Knisja ta' Savina, fis-sena 1576, kie net taqdi d-dmerijiet pastorali tagħha taħt il-ħa ssien tal-Matriċi ta' l-Assunta. Dun Leonard D Dallo, għalkemm ma kienx il-kappillan tagħh kien qiegħed jagħmilha ta' kappillan.

Billi l-kitbiet li għandna huma tas-sena 157 jidher tajjeb li d-disposizzjonijiet ta' Dusina dw il-profanazzjoni ta' Savina ma seħħewx. *Għa kemm tilfet id-dinjita' parrokjali tagħha,* hija ba għet teżisti anki wara ż-żmien ta' Dusina".(6) L- tess awtur ukoll kiteb dwar il-parrokjalita' ta' S Ġakbu u kif hija tilfet din id-dinjita' l-għali qalilna f'wieħed mill-kotba storiċi tiegħu li l-Vi tatur Dusina "ordna li dik il-Knisja (ta' San Ġa bu) tiġi ipprofanata skond il-mod kif jordna Konċilju ta' Trentu. Ħemm għandu jitqiegħed S lib u l-post ma jintużax għall-affarijiet profa Ir-Rettur għandu jieħu ħsieb li titpinġa x-xbie ta' San Ġakbu… Il-profanazzjoni tal-Knisja (San Ġakbu) ma setgħetx ma ġġibx magħha *s-so pressjoni ta' l-istat parrokjali tagħha*".(7)

Il-fatt li fil-1767 is-seba' parroċċi eżistenti gżiritna kienu jammettu s-sottomissjoni tagħho lejn din il-Knisja Matriċi u Kolleġġjata għan jwassalna għall-konklużjoni li din il-Knisja bilf kellha funzjoni u missjoni speċjali x'taqdi fost poplu Għawdxi.

MIBNIJA FEJN TIDHER

Il-Knisja li dwarha qed niktbu ġiet mibn f'post minn fejn tkun tista' tidher minn kulli kien. Is-Sur Gauci Apap ħass ukoll il-bżonn jirrileva dan il-fattur u din il-partikularita' fl-it li hu kiteb lill-imsemmi Patri Pelagio.(8) Huw għamel dan l-aċċenn fid-dawl tal-fatt li l-gżi tagħna kienet maħkuma minn diversi nazzjoniji li dak iż-żmien kienu ta' fama mondjali bħaln

RIFERENZI

4. "L'essere la sudetta chiesa, capo di altre sette parrocchiali e di diverse altre disperse per tutta l'isola": Ibi f.29r.
5. "1705: Fi 'Status Animarum', il-parroċċi kollha ta' Għawdex (San Ġorġ fir-Rabat, ix-Xewkija, l-Għarb, Sanna ix-Xagħra, in-Nadur u ż-Żebbuġ) għad għandhom xi rabtiet mal-Matriċi ta' l-Assunta": Alex Bonnici O.F.M.Con Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-ewwel parroċċi ta' Għawdex, 1975, pp.97-105.
6. Ibid., p.4ż.
7. Ibid., p.48.
8. L'essere la medesima eretta in un luogo non poco co spicuo": A.C.M., 55, f.29r.

huma l-Feniċi u r-Rumani.(9) Fil-kuntest tal-pożizzjoni speċjali li kellha u għad għandha l-Knisja Katidrali tal-lum, l-awtur ta' l-ittra imsemmija offra indikazzjoni ċara li "Għawdex, fl-imgħoddi, kien belt mgħammra bil-ġnus l-aktar magħrufin u qalbenin. Li Għawdex kien belt... għadu jidher sal-lum, għax għadna nistgħu nilmħu l-fdal tal-ħitan li fil-qedem kienu jdawruh. Għad fadal ukoll l-isem ta' tliet daħliet. Id-daħliet kienu dawn (a) *Porta Reale*: li kienet lejn il-Lvant: finnaħa li, anki fis-seklu Għoxrin, baqgħet tissejjaħ Putirjal; (b) *Porta Della Fontana*: id-daħla ta' l-Għajn: li kienet tħares lejn in-nofs in-nhar: il-post li, fi żmienna, ta isem lill-pajjiż ġdid tat-Triq tal-Għajn; (ċ) *La Porta Del Garbo*: id-daħla ta' l-Għarb li kienet tiġi wara l-Knisja ta' Savina, u kellha dak l-isem għax kienet tħares lejn il-Punent t'Għawdex".(10)

Dawn l-informazzjonijiet li s-Sur Gauci Apap ta lill-Patri Pelagio dwar Għawdex, fl-ittra li kitiblu fuq il-Knisja Katidrali tal-lum, għandhom l-importanza tagħhom ukoll fin-nisġa ta' l-istorja ta' din il-knisja. Żgur li l-kittieb ta' l-ittra kellu bħala mira prinċipali li juri l-parti neċessarja u indispensabbli li ħadet il-Knisja Katidrali għall-iżvilupp kulturali u għaċ-ċivilizzazzjoni tal-Gżira Għawdxija.

XI RIFLESSJONIJIET

Għalkemm forsi din l-ittra kieku nkitbet fi żmienna ilha li sabet il-qabar tagħha ġo "dustbin" mqatta' bċejjeċ, madankollu aħna n-nies tas-seklu għoxrin, nitgħallmu li ċerti kitbiet, li forsi għal żmienna jidhru li ma għandhom ebda valur storiku, jeħtieġ li jiġu ikkonservati għax mal-medda twila tas-snin jista' jkollhom l-importanza tagħhom mhix ċkejkna fid-dokumentazzjoni li minnha jkun jeħtiġilhom jagħmlu użu l-istudjużi futuri ta' l-istorja biex jibnu l-istudji xjentifiċi u oġġettivi tagħhom dwar is-suġġett li fuqu jkunu qegħdin jiktbu.

Barra minn hekk, il-konservazzjoni ta' din l-ittra mill-antenati tagħna għandha tkun ta' inġezzjoni speċjali għas-seminaristi li qegħdin jistudjaw l-istorja tal-Knisja biex fit-teżini li huma jippreparaw ta' kull sena ma jonqsux li jagħmlu "research-work" f'dokumentazzjonijiet simili għal din l-ittra għax b'hekk ikunu qegħdin jagħtu kontribut mhux ċkejken biex jinxteħet dawl ġdid fuq il-knejjes kollha t'Għawdex u fl-istess ħin juru wkoll is-sehem kbir li l-Knisja f'Għawdex tat fl-iżvilupp soċjali u kulturali tal-poplu tagħna. Min jitsa' jimmaġina kemm jinsabu "karti" bħal din l-ittra li, jekk jiġu analizzati minn nies kompetenti, iħallu ġid f'ħafna oqsma taċ-ċivilizzazzjoni tal-poplu Għawdxi.

Din l-ittra tas-Sur Gauci Apap xeħtet dawl ċkejken fuq il-knisja Katidrali tal-lum. Iżda kieku kellhom jinġabru u jiġu studjati l-ittri kollha li setgħu nkitbu żmenijiet ilu dwar il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta kien jinxteħet dawl aktar qawwi biex jissokta jżejjen l-istorja sabiħa u mżewqa tagħha.

RIFERENZI

9. "Che poi l'isola del Gozo sia stata abitata da famose nazioni è chiaro poichè fu colonia de fenici... Fu pure i Gozo abitato da Romani colla prerogativa di Municipio, governandosi colle proprie leggi e godendo degli offizii onori e dignità del popolo Romano": Ibid., f.29r.
10. "Che Gozo fu citta, si vede ocularmente dai vestigii, che sin a questi tempi s'osservano dall'antiche mura, ed da nome delle due porte, che nella menzionata città vi erano, ch'ancor vi rimane, e sono la Porta Reale, che era situata verso la Croce (hawnhekk qiegħed jgħid għal hekk imsejjaħ Salib tat-Tiġrija); la Porta della Fontana, che guardava verso mezzogiorno e la Porta del Garbo che era situata e fabricata dietro Santa Sabina": Ibid., f.29r
Ara wkoll Alex Bonnici, Il-Matriċi Kolleġġjata, p.91.

N.B. Ħajr lill-Patri Alessandru Bonnici O.F.M.Conv., tal-materal li offrieli għall-kumpilazzjoni ta 'dan l-artiklu.

GĦALL-AĦJAR XORB U LIKURI IRRIKORRU GĦAND

TERRY SHOP

TA' PJAZZA SAN ĠORĠ, VICTORIA, GĦAWDEX

www.gozocathedral.org.mt

Kronaka tal-Pa

Nru.	Data tal-Magħmudija	Isem tat-Tarbija	Isem u Kunjom il-ġenituri
1.	19- 8-79	Steven	Joseph u Victoria Muscat
2.	19- 8-79	Amanda	Terrance u Pauline Oak
3.	26- 8-79	Joseph	John u Regina Bugeja
4.	26- 8-79	Josette	Carmelo u Carmen Grech
5.	30- 8-79	Miriam	Emanuel u Marija Curmi
6.	2- 9-79	Salvatore	Joseph u Giorgina Azzopardi
7.	9- 9-79	Jonathan	Carmel u Maria Micallef
8.	9- 9-79	Marlene	Ludovico u Maria Azzopardi
9.	5-10-79	Jason	Ġorġ u Maria Portelli
10.	13-10-79	Rueben	Carmelo u Maria Buttigieg
11.	26-10-79	Scarlon	Toni u Gracie Vella
12.	28-10-79	Jason	Manwel u Beatrice Gatt
13.	17-11-79	Joseph	Tarċisju u Giorgina Said
14.	25-11-79	Mariella	Anton u Maria Attard
15.	29-11-79	Keneth	Joseph u Josephine Sultana
16.	9-12-79	Alisson	Teddy u Josephine Grech
17.	12-12-79	Joseph	Ġorġ u Carmela Attard
18.	21-12-79	Sara	Maximillian u Helen Cini
19.	25-12-79	Manwel	Alfred u Ġorġa Camilleri
20.	25-12-79	Christopher	Aldo u Maria Grech
21.	25-12-79	Alexia Maria	Frankie u Rose Psaila
22.	17- 1-80	Alvin	Joseph u M'Dolores Grech
23.	26- 1-80	Joseph	Manwel u Margaret Grech
24.	10- 2-80	Franz Josef	Paul u Josephine Zahra
25.	10- 2-80	Warren Frank	Frank u Sandra Grech
26.	24- 2-80	Isabeblla	Pawlu u Maria Farrugia
27.	2- 3-80	Maria Sabina	Anton u Maria Zammit
28.	5- 3-80	Jean Paul	Colin u Diana
29.	9- 3-80	Angel	Raymond u Lora Galea
30.	14- 3-80	Mathew	Ġorġ, Carmela Mercieca
31.	19- 3-80	Joseph	M'Anglu u Maria Cassar
32.	5- 4-80	Kevin Joseph	Ewkaristsiku u Doris Mizzi
33.	5- 4-80	Tanja	Joe u Vivienne Abela
34.	25- 5-80	Ritianne	Anton u Maria Bajada
35.	13- 7-80	Josef Christian	Frankie u Miriam
36	13- 7-80	Ġorġ-Josef	Ġorġ u Doris Zahra

www.gozocathedral.org

occa

1 ta' Awissu 1979
31 ta' Lulju 1980

7.	18- 7-80	Pierre-Paul	Paul u Carmen Camilleri
8.	20- 7-80	Louise-Anne	Ġorġ u Antonia Mercieca
9.	25- 7-80	Chanlapia	Carmelo u Antonia Vella

Tgħammdu barra mill-Parroċċa.

1.	8-12-79	Pierino	Ta' Pinu	Anton u Carmen Fiteni
2.	23-12-79	Lucian	Ta' Pinu	Paul u Mary Piscopo
3.	24- 5-80	Keith	Ta' Pinu	Ġorġ u Yvonne Vella Muscat
4.	26- 6-80	Charmain	Ta' Pinu	Carmelo u Rose Cassar

sta tat-tfal subien u bniet li rċevew l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof fil-isja Katidrali ta' Għawdex fis-sena 1980.

L-Ewwel Tqarbina — Subien

1. Attard Jason
2. Attard Noel
3. Azzopardi Brian
4. Borg Christopher
5. Bugeja Domenico Savio
6. Calleja John
7. Calleja Reuben
8. Camilleri Patrick
9. Camilleri Vincent
10. Cassar Marvic
11. Farrugia Michael
12. Gatt Gordon
13. Grech Marlon
14. Grech Martin
15. Haber Kenneth
16. Masini Raymond
17. Pace Donald
18. Saliba Charles
19. Vella Josef
20. Vella Marion
21. Vella Simon
22. Vella Tony
23. Xiberras Anton

Griżma ta' L-Isqof — Subien

1. Bezzina Brian
2. Buhagiar Tony
3. Cini Robert
4. Psaila Brian
5. Farrugia Charles
6. Grech Dennis
7. Grech Paul
8. Grech Stefan
9. Micallef Charles
10. Sultana Michael
11. Vella Mario
12. Vella Michael
13. Tomlinson Jason
14. Zammit Mario

www.gozocathedral.org.mt

GRAJJIET IMPORTANTI MATUL IS-SENA

28 / 7 / 79: Mons. Penit. Gregorio Vella fetaħ il-festi reliġjużi ta' Santa Marija b'quddie konċelebrata.

29 / 7 / 79: Dun Manwel Magro, saċerdot ġdid tal-parroċċa f'quddiesa kommunitarja amn nistsra s-Sagrament tal-Magħmudija lil ħames trabi.

3 / 8 / 79: Mons. Arċipriet C. Scicluna ta rigal lill-aħjar student jew studenta ta' kull wieħ mis-seba' Ċentri tad-Duttrina tal-Belt Victoria għas-sena kateketika 1978/79.

4 / 8 / 79: Dun Joe Bezzina iċċelebra quddiesa-folk għaż-żgħażagħ fil-pjazza tal-Katid Saret omelija djalogata.

5 / 8 / 79: Tifel ta' l-Ewwel Tqarbina tas-sena 1979 offra cheque ta' flus lil tifla tal-Kon vatorju u ta' Lourdes Home. Il-flus inġabru mill-istess tfal ta' l-Ewwel Tqarb Tifla li rċiviet il-Griżma ta' l-Isqof fis-sena 1979 offriet cheque ta' flus lil tife l-Istitut ta' San Ġużepp. Dawn il-flus nġabru mit-tfal li rċivew il-Griżma ta' qof dis-sena 1979.

6, 7, 8 / 8 / 79: Mons. Ġużeppi Gauci iċċelebra l-quddiesa ritwali tal-Griżma tal-Morda u fiha ministra dan is-Sagrament lill-anzjani li nġabru għal din il-funzjoni. Dun Ġorġ Tabone flimkien mas-Seminaristi mexxa quiz dwar il-ħajja tal-Mad Ħadu sehem fih it-tfal tal-parroċċa.

10 / 8 / 79: Ġiet imtellgħa Poeżija Drammatizzata, kitba ta' John Cremona, dwar il-ħajj tal-Madonna. Ħadu sehem fiha diversi membri tal-kommunita' parrokkjali. I duzzjoni kienet ta' Rita Sultana.

11 / 8 / 79: Inżamm rtir ta' ftit sigħat għas-Saċerdoti tal-parroċċa fid-Dar 'Stella Maris Dun Manwel Magro iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu li fiha Mon kan G.B. Gauci għamel l-omelija taċ-ċirkustanza.

12 / 8 / 79: Ġew mogħtija 'hampers' lill-familji numerużi tal-parroċċa u xi familji żar għandhom tifel jew tifla ta' wieħed mill-Istituti ta' Għawdex.

13 / 8 / 79: Mons. Isqof Cauchi f'quddiesa konċelebrata amministra s-Sagrament tal-G ta l-Isqof lill-ulied l-emigranti.

www.gozocathedral.org.mt

14 / 8 / 79: Il-Kappillan tal-Fontana, Dun Ġwann Cini, qaddes għas-sorijiet tal-parroċċa u għamel l-omelija ta' l-okkażjoni.

15 / 8 / 79: Mons. Isqof, wara tt-qarbin tal-konċelebrazzjoni solenni, ntona t-Te Deum f'egħluq ir-raba' sena mill-inkoronazzjoni ta' xbieha ta' l-Assunzjoni tal-B.V. Marija.

16 / 8 / 79: Sar Wine & Pizza Party għal kulħadd fiċ-Ċittadella.

17 / 8 / 79: Saret ċena għall-membri tal-Presbiterju Parrokjali u tal-Kor 'Maria Assunta' fil-Hotel Calypso.

22 / 9 / 79: Egħluq il-115 l-anniversarju minn meta l-Knisja Matriċi ta' l-Assunta ġiet mgħollija għad-dinjita' ta' Katidral: tkanta t-Te Deum b'radd il-ħajr.

22 / 9 / 79: Iżżanżan l-ornat tal-bronż għas-Sedja ta' l-Isqof fil-Katidral — xogħol tas-Sur Ġużè' Galea tar-Rabat ta' Malta. Mons. Arċisqof Mercieca fetaħ il-Kungress Ewkaristicku Djoċesan fil-Knisja Katidrali.

25 / 9 / 79: L-Għaqda Drammatika tal-parroċċa tal-Katidral ippreżentat u iddrammatizzat fil-pjazza tal-Katidral il-poeżija "Il-Vjatku" kitba ta' Dun Karm.

27 / 9 / 79: Il-Kor tal-Katidral, taħt it-tmexxija ta' Miss M. Zammit, ħa sehem fi "Choir Performance" li sar fl-Ortaorju D. Bosco.

30 / 9 / 79: Inżammet fil-Katidral konċelebrazzjoni solenni li kienet immexxija mill-Kardinal Francesco Carpino bħala Egħluq il-Kungress Ewkaristiku Djoċesan. Ħadu sehem fiha 8 Isqfijiet u aktar minn 140 saċerdot.

7 / 10 / 79: Ħarġet mill-Katidral il-purċissjoni devota tal-Madonna tar-Rużarju li għaliha attendew ħafna nies. Ħa sehem ukoll fil-purċissjoni Mons. Isqof.

11 / 10 / 79: Egħluq-il 263 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Katidral: saru funzjonijiet speċjali.

21 / 10 / 79: Festa ta' S. Ursula. Monsinjur Isqof Cauchi fetaħ u bierek il-Mużew tal-Katidral.

11 / 11 / 79: Mons. Isqof fetaħ il-'Mini-Missjsoni' li saret fil-parroċċa mill-11 sas-17 ta' Novembru.

13 / 11 / 79: Saret Play-Form għaż-żgħażagħ fil-Ball Room tat-Teatru 'Aurora'. Il-panel taħt il-presidenza ta' Mons. Arċipriet, kien magħmul minn Dr. E. Rapa, l-Avukat A. Grech u Mons. G. Buttigieg.

17 / 11 / 79: Mons. Arċipriet Scicluna għalaq din il-Mini-Missjoni b'quddiesa u omelija ta' l-okkażjoni.

25 / 11 / 79: Jum l-quddies għall-erwieħ tal-Fratelli tas-Sodalita' ta' Santa Marija.

www.gozocathedral.org.mt

2 / 12 / 79: Bdew il-priedki ta' l-Avvent minn Dun Anton Borg.

8 / 12 / 79: Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali fis-solennita' liturġika tat-Tnissil Bla Tebgħa tal-Verġni Marija.

16 / 12 / 79: Mons. Arċipriet C. Scicluna fetaħ in-Novena Biblika.

20 / 12 / 79: Bro. Mario Zammit irrakkonta l-esperjenza tiegħu missjunarja fin-Niġeria bl-għajnuna tas-slides.

21 / 12 / 79: Inżamm Pageant Poetiku dwar il-Milied, kitba ta' John Cremona u produzzjoni ta' Rita Sultana.

22 / 12 / 79: Sar il-ftuħ uffiċċjali tal-Biblijoteka parrokjali tal-Katidral minn Mons. Isqof Cauchi.
Mons. Isqof f'quddiesa konċelebrata ta diversi ministeri lis-seminaristi.

3 / 12 / 79: Saret reċita ta' poeżija tal-Milied mit-tfal tal-parroċċa.

4 / 12 / 79: Il-Kor tal-Katidral kanta bosta għanjiet tal-Milied.

5 / 12 / 79: Mons. Isqof għalaq in-Novena Biblika b'Konċelebrazzjoni. Fil-quddiesa ta' fil-għaxija saret għall-ewwel darba l-priedka tal-Milied minn tifel tal-parroċċa.

7 / 12 / 79: Il-Kor tal-Katidral, taħt it-tmexxija ta' Miss Maria Zammit, ħa sehem f'"Christmas Halleluja" li nżamm fl-Oratorju Don Bosco.

3 / 12 / 79: Il-Kommunita' Parrokjali tal-Katidral offriet 'party' lix-xjuħ rikoverarti fl-Isptar 'Craig'. Il-Kor tal-Katidral żied l-atmosfera tal-ferħ tal-Milied bil-kant tiegħu.

/ 12 / 79: Tqassam il-Kalendarju 1980 tal-Parroċċa lill-parruċċani kollha.

/ 12 / 79: Funzjoni ta' egħluq is-sena 1979. Monsinjur Isqof mexxa konċelebrazzjoni u ntona t-Te Deum b'radd ta' ħajr.

/ 1 / 80: Il-Kunsill Parrokjali b'vot unanimi ħa deċiżjoni li jiġu mogħtija, lill-Istituti tal-Karita', tnejn fil-mija tal-flus li jinġabru mill-parroċċa tal-Katidral.

/ 1 / 80: Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali fis-solennita' liturġika ta' l-Epifanija.

/ 1 / 80: Bdiet ottava ta' talb għall-għaqda bejn il-Knejjes Nsara.

/ 1 / 80: Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni solenni fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-festi speċjali li saru mis-Sorijiet Franġiskani li fakkru l-ewwel ċentenarju tagħhom.

/ 2 / 80: Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fl-okkażjoni tal-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej.

www.gozocathedral.org.mt

10 / 2 / 80: Fetħet il-Ċimgħa tal-Parroċċa b'quddiesa li fiha saret Magħmudija kommunitarja. Ġiet inawgurata wirja kulturali dwar it-12-il Sena tal-ħidma tal-Kor "Maria Assunta".

11 / 2 / 80: Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fl-okkażjoni ta' egħluq il-100 sena mit-twelid ta' Dun Ġorġ Preca, fundatur tal-M.U.S.E.U.M.

12 / 2 / 80: Mons. Arċipriet f'isem il-Kommunita' Parrokjali ippreżenta lil Dun Manwel Curmi, inkarigat mis-Servizzi Soċjali tal-Knisja f'Għawdex, l-ewwel perċentaġġ ta' flus mill-ġbir li sar fil-Katidral mill-1 ta' Jannar.

13 / 2 / 80: Inżamm JUM IL-ĠENITURI tat-tfal li jattendu ċ-Ċentri tad-Duttrina fir-Rabat.

14 / 2 / 80: Mons. Ġużeppi Gauci qaddes fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija għall-erwieħ tal-parruċċani kollha mejtin.

15 / 2 / 80: Diversi saċerdoti tal-parroċċa qaddsu lit-tfal fid-diversi skejjel li jinsabu fir-Rabat. Sar 'filmshow' b'xejn għat-tfal kollha.

16 / 2 / 80: Fr. Joe Bezzina u xi Sorijiet kienu nkarigati minn ħarġa kulturali u rikreattiva għat-tfal kollha tal-parroċċa.

17 / 2 / 80: F'quddiesa konċelebrata rappreżentanti tal-Għaqdiet fil-parroċċa offrew bukkett spiritwali lill-Arċipriet u lis-Saċerdoti kollha tal-parroċċa tal-Katidral.

20 / 2 / 80: Monss. Isqof mexxa konċelebrazzjoni li fiha tbierek l-irmied.

23 / 2 / 80: Il-Kommunita' Parrokjali ħadet sehem fil-Via Crucis mat-telgħa ta' Għammar.

24 / 2 /80: Bdew il-priedki tar-Randan mill-Kwareżimalista Dun Anton Borg.

2 / 3 / 80: Sar irtir għall-Ġenituri tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina fid-dar 'Stella Maris'.

16 / 3 / 80: Bdew l-Eżerċizzi spiritwali minn Patri Prof. Donat Spteri, Kapuċċin.

18 / 3 / 80: Sar 'Forum' dwar il-Pastorali tar-Randan ta' Mons. Isqsof li kienet titkellem dw[a] il-Knisja u l-Ħaddiem. Ħadu sehem Patri Donat Spiteri, is-Sur A. Farrugia u M[i] Lina Gauci; ippresieda Mons. Arċipriet C. Scicluna.

[2]0 / 3 / 80: Sar 'Forum' dwar id-djalogu fil-familja. Ħadu sehem Patri Donat Spiteri, u s-S[u] Joe Psaila. Mexxa d-diskussjoni Mons. Arċipriet.

[2]3 / 3 / 80: Ħarġet il-Purċissjoni tal-Passjoni li fiha ħadu sehem għadd kbir ta' nies.

[2]9 / 3 / 80: Sar Pelliġġrinaġġ Penitenzjali għas-Santwarju Bażilka "Ta' Pinu".

[3]0 / 3 / 80: Mons. Isqof mexxa l-funzjoni tat-tberik tal-Palm.

www.gozocathedral.org.mt

31 / 3 / 80: Sar Pellegrinaġġ Penitenzjali li beda mill-Knisja ta' San Ġużepp ta' fuq is-S għall-Knisja Katidrali.

1 / 4 / 80: Saret il-Via Crucis mat-Telgħa tal-Kastell.

2 / 4 / 80: Sar servizz penitenzjali bi tħejjija għall-Qrara Kommunitarja.

3-6 / 4 / 80: Mons. Isqof kompla jmexxi l-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

6 / 4 / 80: Beda t-tberik tad-djar.

12 / 4 / 80: Il-Kardinal Egidio Vagnozzi mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fl-okkażjoni tal-f ta' egħluq il-100 sena mit-twaqqif tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani.

18 / 4 / 80: "The Boys' Choir of Widford Lodge Prep. School" offra kunċert ta' kant fil- tidral.

29 / 4 / 80: Saret funzjoni speċjali biex tfakkar egħluq l-24 sena minn meta s-Soċjeta' "Leone" irregalat lill-Knisja Katidrali l-istatwa sabiħa ta' Santa Marija. Patri M tinjan Cutajar għmel id-diskors taċ-ċirkustanza.

4 / 5 / 80: Mons. Arċipriet żar lill-ommijiet tas-saċerdoti addetti għas-servizz pastorali Katidral u offrilhom rigal ċkejken billi kien "JUM L-OMM".

5 / 5 / 80: Mons. Arċipriet żar l-iskola primarja tal-Gvern biex l-ewwel ta lezzjoni lit li kienu sa jirċievu l-Griżma ta' l-Isqof imbagħad lezzjoni lit-tfal li kellhom j mlu l-Ewwel Tqarbina.

14 / 5 / 80: Saret l-Ewwel Tqarbina tat-Tfal minn Mons. Isqof.

14 / 5 / 80: Mons. Isqof amministra s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof lit-tfal.

16 / 5 / 80: Saret konċelebrazzjoni li fiha 12-il żagħżugħ ippreżentaw lit-tnax l-Appost qraw messaġġi adattati għal żmenijietna.

18 / 5 / 80: Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni solenni f'egħluq il-Ġimgħa Ewkaris Liturġika.

28 / 5 / 80: Inżammet serata kulturali u rikreattiva għat-tfal li għamlu l-Ewwel Tqarbina il-Griżma ta' l-Isqof. Din is-serata li saret fil-Ball Room tat-Teatru "Aurora" organizzata mill-Kunsill Parrokjali flimkien mal-management ta' l-istess teat

31 / 5 / 80: Saret il-Konsagrazzjoni lill-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija f'egħluq ix-xahar Mejju.

7 / 6 / 80: Xterdet l-aħbar kerha f'Għawdex li Fr. Frankie Mercieca, saċerdot tal-Parr tal-Katidral, miet f'California U.S.A., fil-5 ta' Ġunju.

8 / 6 / 80: Wara l-Konċelebrazzjoni Pontifikali, Mons. Isqof mexxa purċissjoni Ewkari fl-okkażjoni tas-Solennita' Liturġika tal-Ġisem u d-Demm Mqaddes ta' Kris

13 / 6 / 80: Fl-okkażjoni tas-solennita' tal-Qalb ta' Ġesu' saret adorazzjoni Ewkaristika.

28 / 6 / 80: Saret l-ordinazzjoni saċerdotali u djakonali minn Mons. Isqof Cauchi.

9 / 7 / 80: Mons. Isqof N. Cauchi mexxa quddiesa konċelebrata għar-ruħ Dun Frank cieca.

www.gozocathedral.org.mt

FOR TRAVEL AND INSURANCE

CALL AT

JOHN PORTELLI ENTERPRISES

TRAVEL AGENTS – TOUR PLANNERS

Head Office: 7, IT-TOKK, VICTORIA. Tel. 556236/035.
Branch 108, ST. JOHN STREET, VALLETTA. Tel. 627016

★ AIR — RAIL — SEA TICKETS
★ TRAVELLERS' CHEQUES — TRAVEL INSURANCE
★ HOTEL ACCOMMODATION — SEA CRUISES
★ INCLUSIVE TOURS TO U.K., FRANCE, ITALY, etc.

Ask for programmes and information:

WINDSOR TOURS
CANA TOURS
CIRCULAR TOURS
VIAGGI PAOLINI

CHEAP RAIL TICKETS IN ITALY

HEMPEL'S MARINE PAINTS (MALTA) LTD.

MANUFACTURERS OF

HIGH QUALITY

HOUSEHOLD, INDUSTRIAL AND

MARINE PAINTS

SUPPLIERS TO THE MALTA GOVERNMENT, LEADING INDUSTRIAL FIRMS & THE BUILDING INDUSTRY

28B, SOUTH STREET, VALLETTA.

Tel. Cen. 625911, 22215.

www.gozocathedral.org.mt

TOBACCONIST

J.C. Mejlack Zammit

WINES & SPIRITS

MERCHANT

Francis Caruana

(TAL-BILLI)

TRIQ IR-REPUBLIKA, VITTORJA

fejn issibu kull kwalita' ta' Sanitary Fittings u Żebgħa

www.gozocathedral.org.mt

IS-SIGRIET TAL-KATIDRAL

Lil Kristu tappartjeni kull Katidral. Din il-knisja hija tiegħu. Għalih hawnhekk twaqqfet sedja, li minn fuqha l-appostlu tiegħu, floku, jitkellem; għalih hawnhekk twaqqaf tron li fuqu, min hu flok Kristu, jpoġġi; għalih hawnhekk inbena artal li minnu, min jerġa' jagħtih il-ħajja, joffri lill-Missier l-istess sagrifiċċju ta' Kristu għalih hawnhekk hija miġbura "il-Knisja", il-Poplu ma' l-Isqof tiegħu, u lil Kristu huma jgħollu l-innu ta' glorja u talb bi tnehid; hu minn Kristu li dan it-tempju jakkwista l-maesta' misterjuża tiegħu.

Huwa jinsab hawn preżenti!

Dan huwa s-sigriet tal-Katidral. Din mhix sempliċement monument interessanti ta' arkitettura, binja storika u ta' ġieħ, mużew kbir ta' l-arti; mhix sala solenni tal-konferenzi, jew awditorju ta' mużika għal dawk li huma esperti. Għalina hija dar ħajja, post privileġġjat fejn tgħammar id-divinita'... Hija l-palazz ta' Kristu Sultan; hija s-sala ta' Kristu l-Imgħallem; hija t-tempju ta' Kristu Saċerdot...

Hawnhekk Huwa jinsab preżenti bl-awtorita' tiegħu. Hija l-presenza tiegħu bħala Triq...

Hawnhekk Huwa jinsab preżenti bħala Mgħallem. Hija l-preżenza tiegħu bħala l-Verita'...

Hawnhekk Huwa preżenti bil-mijja tas-Saċerdozju tiegħu. Hija l-preżenza tiegħu bħala l-Ħajja...

Minn dan jidher li s-sigriet tal-Katidral huwa l-preżenza ta' Kristu fil-Ġisem Mistiku tiegħu, huwa l-misteru tal-Knisja.

Huwa l-misteru tal-Knisja, waħda, qaddisa, kattolika u apostolika!

...Iżda huwa meħtieġ li l-Katidral tingħata ħajja spiritwali... dik li llum nsejħu ħajja liturġika.

Il-Liturġija mqaddsa hija l-vuċi proprja tal-Katidral... Hija l-Liturġija li tagħti l-kelma lill-ġebel, hija l-Liturġija li tikkunsidra kull ġebla mejta bħal ruħ ħajja; hija l-Liturġija li tikxef u twettaq is-sigriet tal-Katidral, għaliex tagħmel preżenti hawnhekk, fl-aqwa milja tiegħu, il-misteru tal-preżenza ta' Kristu, ħobż tal-ħajja, il-misteru ta' Kristu Saċerdot u Vittma, ta' Kristsu, l-Emanuel, li jkompli l-wegħda tiegħu li jakkumpanja l-passi tagħna fl-istorja sa tmiem iż-żmenijiet, il-misteru ta' Kristu li hawnhekk infakkru l-miġja tiegħu, niċċelebrawh fostna, nistennewh ġej, il-koll kemm aħna marbutin miegħu u mxennqin għalih: Amen, hekk ikun; ejja, o Mulej Ġesu'."

Din hija silta minn diskors li kien għamel il-Papa Pawlu VI fis-26 ta' April 1959, meta kien għadu Arċisqof ta' Milan, fl-okkażjoni tal-ftuħ mill-ġdid tal-Katidral ta' Crema. (Cfr. Card. G.B. Montini, *Pastorale Liturgica,* ediz. liturgiche, Roma, 1963, pp. 108-114).

QRARA SEWWA U TQARBINA TAJBA FIL-15 TA' AWISSU

HUMA L-ISBAĦ RIGAL LI NISTGĦU NOFFRU

LILL-MADONNA

www.gozocathedral.org.mt

Il-Sedja ta' l-Isqof fil-Katidral ornata bil-Bronz



Fil-Katidral ta' Għawdex fis-sena 1971 it-tron ta' l-Isqof li kien ġie mneħħi fis-1968, ġie sostitwit bis-Sedja biex ikun hemm konformita' mad-direttivi tal-Motu Proprio "Pontificalia Insigna" tal-Papa Pawlu VI ippubblikat fil-21 ta' Ġunju 1968 u li kien daħal 'in vigore' fit-8 ta' Settembru ta' l-istess sena. L-iskop ta' dan il-Motu Proprio kien is-simplifikazzjoni tal-privileġġi ta' l-Isqfijiet u biex dawn jiġu mogħtija tifsira aktar ġenwina u pastorali.

F'dik l-okkażjoni kien nkiteb: "......din is-Sedja għadha mhix lesta minn kollox, imma jonqnosha l-ornati tal-bronz". Kellhom jgħaddu tmien snin biex dawn l-ornati tal-bronz tlestew u twaħħlu f'posthom. Dan it-tiżjin tal-bronz żied ħafna mal-linja artistika tas-Sedja li llum tidher opra tassew sabiħa.

Il-forom meħtieġa għal dan ix-xogħol tal-bronz inħadmu kollha mis-Sur Ġużè Galea tar-Rabat ta' Malta. Kien hu wkoll li għamel id-disinni meħtieġa għal dawn l-ornati. Is-Sur Galea m'għandux bżonn ta' introduzzjoni fis-settur ta' l-arti għaliex il-kapaċita' u l-ħila tiegħu huma magħrufa biżżejjed f'dan il-qasam.

Ix-xogħol tal-bronż nħadem f'Pietra Santa l-Italja. Wasal Għawdex fit-12 ta' Settembru 1979 meta beda jitqiegħed f'postu. Tlesta l-għada 13 ta' Settembru.

Is-Sedja ta' l-Isqof fil-Katidral mhux biss hija opra artistika iżda hija wkoll f'konformita' sħiħa mal-liturġija kontemporanja.

"Fost il-knejjes kollha tad-djoċesi il-Knisja Katidrali — u din il-Knisja Katidrali li sa tinbena f'dan il-post għandha tifsira speċjali. Bħalma l-Bażilka ta' Ġwann Lateran — il-Katidral tal-Papa, ta' l-Isqof ta' Ruma, huwa msejjaħ bir-raġun kollu 'Ir-Ras u l-Omm tal-knejjes kollha', hekk ukoll il-Katidral tad-djoċesi huwa msejjaħ 'omm il-knejjes' li jinsabu f'dik id-djoċesi. Il-Knisja Katidrali tgawdi din il-prerogattiva l-għaliex hija l-Knisja ta' l-Isqof li huwa l-kap tad-djoċesi, is-suċċessur ta' l-Appostli li fidejhom Kristu reħa r-responsabilta' ta' l-evanġelizzazzjoni. Għalhekk ħobbu din il-Knisja Katidrali li sa tiġi mwaqqfa f'ġieħ San Pawl, l-Appostlu tal-Ġnus, per eccellenza".

(L-Osservatore Romano, edizzjoni bl-Ingliż tat-2 ta' Ġunju 1980, p. 19).

www.gozocathedral.org.mt

TKOMPLI L-KRONAKA TAL-PARROCCA

L-Ewwel Tqarbina — Bniet

1. Camilleri Ruth
2. Calleja Gorgette
3. Cassar Jennifer
4. Gauci Josephine
5. Cutajar Bernardette
6. Cordina Pauline Joyce
7. Farrugia Irene
8. Mercieca Sue Anne
9. Mejlak Yosefa
10. Psaila Ivana
11. Psaila Katia
12. Refalo Sharon
13. Saliba Maria Rita
14. Sultana Yvonne
15. Tabone Anna Mari
16. Xerri Irene
17. Xerri Maria
18. Zammit Mary

Griżma ta' l-Isqof — Bniet

1. Abela Simone
2. Abela Stephania
3. Bonnici Angele
4. Curmi Frances
5. Dimech Anna Maria
6. Farrugia Rita
7. Gauci Joyce
8. Hili Suzanne
9. Magro M'Josestte
10. Mercieca Josephine
11. Mercieca Govanna
12. Refalo Miriam
13. Said Rose Ann
14. Scicluna Geraldine Frances
15. Tabone Laura
16. Vella Luċija
17. Vella Josianne
18. Vella Rebekka

Dawk li din is-sena daħlu jissaffew fil-Purgatorju:-

AWISSU: Victoria Cutajar;
SETTEMBRU: Ignatius Cauchi;
OTTUBRU: Maria Antonia Vella; Kristinu Sultana; Michael Vella; Rosa Grech; Pawlu Galea; Georgia Mintoff; Lorenzo Mercieca; Ġanni Pace; Tereża Grech;
NOVEMBRU: Mario Cassar, Dolorres Mizzi;
DIĊEMBRU: Carmelo Vella;
ANNAR: Salvu Azzopardi; Kalanġ Grech;
FRAR: Dwardu Mifsud; Roża Attard; Carmelo Vella; Iraide Bondi;
MARZU: Pawlu Grech; Ġorġ Sultana;
APRIL: Antonio Attard;
MEJJU: Maria Spiteri; Claire Micallef (tarbija)
ĠUNJU: Carmelo Zammit;
LULJU: Maria Hili, Tonino Grech, Maria Merieca, Ġużeppa Portelli.

Dawk li daħlu għall-prokreazzjoni u t-trobbbija tal-ulied bis-Sagrament taż-żwieġ:-

AWISSU: Ġorġ Farrugia u Antonia Mercieca; M'Angelu Cini u Patricia Elizabeth Moore;
SETTEMBRU: Ġorġ Vella u Nicolette Cilia; Dr. Paul Coppini u Frances Cordina;
OTTUBRU: Joseph Parnis u Carmen Abela; Joseph Xerri u Tereża Curmi;
NOVEMBRU: Anton Grima u Antonia Spiteri;
FRAR: Victor Mercieca u Mary-Rose Borg;
MARZU: Joe Azzopardi u Lucy Dimech; James David Cairns u Franca Attard; Anton Axiaq u Vincenza Axiaq;
APRIL: Anton Mercieca u Miriam Grech; Dr. Alfred Grech u Valerie Therese Stephan;
ĠUNJU: Carmelo Debono u Tereża Vella; Joe Vella u Tessie Borg;
LULJU: Carmelo Farugia u Ġina Vella.

www.gozocathedral.org.mt

MILL-HAJJA PASTORALI TAL-PARROCCA

F'waħda mil-Laqgħat tal-Kulleġġ tal-Kappillani ta' Għawdex ittieħdet id-deċiżjoni li minn din is-sena l-ewwel qrara tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina ma ssirx dak in-nhar stess ta' l-Ewwel Tqarbina, imma ssir bosta ġranet qabel ħalli t-tfal minn żgħożithom jitgħallmu li l-qrar ma għandux bilfors jiġi magħqud mat-Tqarbin. B'hekk it-tfal aktar jifmhu 'l quddiem li l-qrar huwa mezz biex bih naħdmu kontinwament il-konverżjoni ta' qalbna u ta' moħħna ħalli nersqu aktar qrib lejn Kristu fil-ħajja tagħna.

Din iċ-ċerimonja fil-Katidral saret f'dawn il-ġranet tar-Randan meta l-liturġija aktar tiddisponi lill-insara għall-indiema ta' ħtijiethom. Waqt iċ-ċerimonja kull tifel u tifla xegħlu xemgħa mill-blandun u għamlu att ta' ndiema għan-nuqqasijiet tagħhom. Kienet ċerimonja sinifikattiva ħafna.

Ir-ritratt ta' hawnhekk juri xena ta' din iċ-ċerimonja.

Matul ir-Randan fil-Katidral inżamm forum dwar il-Pastorali tar-Randan ta' din is-sena ta' Mons. Isqof. Din il-Pastorali kellha bħala suġġett: "Il-Knisja u n-Nies tax-Xogħol". Għal dan il-forum attendew ħafna nies

www.gozocathedral.org.mt

MILL-HAJJA KULTURALI TAL-PARROCCA

Fit-22 ta' Diċembru 1979, Mons. Isqof Nikol Cauchi fetaħ u bierek il-Biblijoteka Parrokjali li għaliha Mons. Arċidjaknu Pawlu Cauchi flimkien ma' bosta Ambaxxati u Konsolati ta' pajjiżi barranin f'Malta offrew għadd ta' kotba. Id-ditta Farsons offriet ukoll Enċiklopedija tat-tfal.

Mons. Isqof Cauchi jidher qed ibierek din il-Biblijoteka.

Fil-Ġimgħa tal-Parroċċa li nżammet mill-10 sas-17 ta' Frar saret wirja dwar it-tnax-il sena tal-ħidma tal-Kor "Maria Assunta" taħt it-tmexxija tas-Sinjorina M. Zammit L.R.S.M.



www.gozocathedral.org.mt

MILL-HAJJA FILANTROPIKA TAL-PARROCCA

Matul il-Ġimgħa tal-Parroċċa l nżammet f'din is-sena, l-Kommunit Parrokjali tal-Katidral offriet 'hampe lil kull wieħed u waħda mill-inkapaċ tati tal-parroċċa, kif juri dan ir-ritra



Billi din hi s-Sena ta' l-Anzjani l-Kommunita' Parrokjali tal-Katidral offriet 'hamper' lill-anzjani li jinsabu rikoverati fl-Isptar "Craig" u għand is-Sorijiet Karmelitani. Il-ħelu ta' dawn il-hampers nħadem minn diversi membri tal-istess kommunita' b'sagrifiċċju personali tagħhom.

www.gozocathedral.org.mt

MILL-HAJJA RIKREATTIVA TAL-PARROCCA

Fit-28 ta' Mejju l-Kunsill Parrokjali flimkien mal-Management tat-teatru "Aurora" organizzaw serata rikreattiva għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma ta' l-Isqof. Kien hemm wiri ta' films u party. Saret ukoll farsa kollha daħk mill-istess tfal.

Matul il-Ġimgħa tal-Parroċċa ġiet organizzata ħarġa rikreattiva lit-tfal tal-Parroċċa. Fr. Joe Bezzina u s-Sorijiet Franġiskani kienu nkarigati minn din il-ħarġa.

www.gozocathedral.org.mt

PROGRAMM TAL-FESTA TA' SANTA MARIJA PATRUNA SPECJALI TAL-GZEJJER MALTIN

TAQSIMA RELIĠJUŻA: FESTI TA' ĠEWWA

Is-Sibt, 26 ta' Lulju:

Fis-7.00 p.m. Mons. Arċipriet C. Scicluna jiftaħ il-festi b'quddiesa konċelebrata flimkien mal-membri tal-Presbiterju Parrokjali. Jinqraw appelli minn bosta persuni li jirrappreżentaw id-diversi kategoriji tal-Kommunita' Parrokjali. Jiġi mogħti wkoll rigal lill-aħjar student jew studenta ta' kull Ċentru tal-Katekiżmu fil-parroċċa.

L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa, 30 u 31 ta' Lulju u 1 ta' Awissu:

Fis-7.00 p.m. Patri Provinċjal Gwido Schembri f'ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-kant jagħmel omelija ta' l-okkażjoni.

Is-suġġetti ta' l-omeliji huma dawn:

1. 'Ħadd aħjar mill-Madonna ma jista' jgħidilna l-verita' dwar Binha Ġesu'.'
2. 'Ħadd aħjar mill-Madonna ma jista' jdaħħalna fid-dimensjoni divina ta' l-opra tal-Fidwa.'
3. 'Ħadd aħjar mill-Madonna ma jista' jdaħħalna fid-dimensjoni umana ta' l-opra tal-Fidwa.'

Is-Sibt, 2 ta' Awissu: JUM L-GĦARAJJES

Fis-7.00 p.m. Mons. Arċipriet C. Scicluna f'quddiesa jamministra s-Sagrament taż-żwieġ lill-koppja Tabone — Hili u jinseġ l-omelija: *"Is-sehem tal-Madonna fil-bini ta' familja nisranija"*.

Il-Ħadd, 3 ta' Awissu: JUM IL-MORDA

Fid-9.15 a.m. Mons. Ġużeppi Gauci jqaddes għall-erwieħ tal-parruċċani li mietu matul is-sena.

Fil-5.00 p.m. Funzjoni għall-morda b'quddiesa bil-kant li tkun iċċelebrata minn Mons. Penit Girgor Vella. Jiġi amministrat ukoll is-Sagrament tal-morda lix-xjuħ.

Xi sorijiet iżuru lill-morda u jagħmlulhom ċelebrazzjoni tal-kelma t'Alla.

It-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, 4, 5 u 6 ta' Awissu:

Fis-7.00 p.m. Patri William Axiaq, Kappuċċin, f'quddiesa bil-kant jinseġ l-omelija ta' l-okkażjoni.

Is-suġġetti ta' l-omelija huma dawn:

1. "Lil ħadd Alla ma daħħal fil-Misteru tal-Fid-wa bħalma daħħal lill-Verġni Marija."
2. "Il-Verġni Marija ħadet sehem uniku u rris-pettabbli fil-pjan tas-Salvazzjoni t'Alla."
3. "Il-Verġni Marija tinsab b'mod eċċezzjonal ħdejn kull bniedem u dak kollu li jiġri lill bniedem."

Il-Ħamis, 7 ta' Awissu: JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Fis-7.00 p.m. Rally għaż-żgħażagħ li fih jieħd sehem Fr. David Azzopardi M.S.S.P. u l-grup kitaristiku tal-parroċċa. Jinqraw ukoll poeżi marjani miż-żgħażagħ. Dan ir-rallħ li jkun im mexxi minn Fr. Joe Bezzina u s-Seminaristi ji żamm fil-pjazza tal-knisja u jibda b'quddiesa.

Il-Ġimgħa u s-Sibt 8 u 9 ta' Awissu:

Fis-7.00 p.m. Patri Alex Bonnici O.F.M.(f'quddiesa bil-kant jinseġ l-omelija ta' l-okka joni.

Is-suġġetti ta' l-omeliji huma dawn:

1. "Permezz tal-Madonna l-Knisja għandha ċertezza li miexja fl-ispirtu tal-Fundat tagħha Ġesu'."
2. "Qatt ma nafu li l-Gżejjer Maltin talbu li Madonna fil-ħtiġijiet tagħhom u Hija n semgħethomx.

Il-Ħadd, 10 ta' Awissu: JUM L-EMIGRANTI

Fl-10.00 a.m. ħruġ ta' l-istatwa ta' Santa Mari minn niċċa fost il-kaknt ta' l-innijiet Marjar

Fil-5.00 p.m. Mons. Isqof Nikol Cauchi jamm nistsra s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqo

www.gozocathedral.org.mt

jagħmel l-Ewwel Tqarbina lit-tfal ta' l-Emigranti li jkunu ġew għall-festa.

It-Tnejn, 11 ta' Awissu:
JUM IL-BENEFATTURI

Fis-6.30 p.m. Għasar kantat bil-Malti bis-sehem tal-Kapitlu u tal-kommunita' parrokjali. Wara talba ta' egħluq il-jum, kurunella u funzjoni Ewkaristika li tkun immexxija minn Mons. Francesco Azzopardi għall-Barka Sagramentali.

Fis-7.00 p.m. Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Ġenerali ta' Malta, f'quddiesa jagħmel l-omelija ta' l-okkażjoni.

Il-quddies kollu f'din il-ġurnata jkun għall-bżonnijiet tal-benefatturi tal-Knisja.

It-Tlieta, 12 ta' Awissu:

JUM IL-PRESBITERJU PARROKJALI

Mid-9.30 a.m. sal-11.30 a.m. ħin ta' ġabra u riflessjoni quddiem Ġesu' Ewkaristija għas-saċerdoti tal-Presbiterju Parrokjali fid-Dar 'Stella Maris', Żebbuġ.

Fis-6.30 p.m. għasar bil-Malti bis-sehem tal-Kapitlu u tal-Kommunita' nisranija. Wara, talba ta' egħluq il-Jum, kurunella u funzjoni Ewkaristika li tkun immexxija minn Mons. Ġużeppi Azzopardi għall-Barka Sagramentali.

Fis-7.00 p.m. Mons. Ġużeppi Farrugia Dimech fl-okkażjoni ta' egħluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu jmexxi quddiesa konċelebrata flimkien ma' sħabu s-saċerdoti tal-Presbiterju Parrokjali. Mons. Isqof N. Cauchi jagħmel id-diskors taċ-ċirkustanza.

L-Erbgħa, 13 ta' Awissu:

JUM IT-TFAL U L-ĠENEROŻITA'

Fit-8.30 a.m. Rally Marjan għat-tfal tal-Parroċċa. It-tfal stess jaqraw siltiet bibliċi, djalogi u poeżiji dwar il-Madonna. Isir ukoll kant marjan mill-istess tfal. Imexxi l-funzjoni Dun Ġorġ Tabone.

Fil-5.30 p.m. Għasar kantat bil-Malti bis-sehem tal-Kapitlu u tal-kommunita' parrokjali. Wara talba ta' egħluq il-jum, kurunella u funzjoni Ewkaristika mmexxija minn Mons. Carmelo Bajada għall-Barka Sagramentali.

Fis-6.00 p.m. Mons. Isqof N. Cauchi jmexxi quddiesa konċelebrata flimkien mas-superjuri u mas-saċerdoti għalliema fis-Seminarju Veskovili.

Wara l-Konċelebrazzjoni Mons. Arċipriet C. Scicluna joffri lil Mons. Isqof cheque ta' £M1,250 għas-Seminarju. Dan huwa legat mħolli mill-imsemmija G. Mintoff.

Il-Ġimgħa, 15 ta' Awissu:
L-GĦID TA' L-ASSUNTA

Il-ħinijiet tal-quddies f'jum il-festa jkunu: 4.15 a.m.; 5.00 a.m.; 5.30 a.m.; 6.00 a.m.; 6.30 a.m.; 7.15 a.m.; 8.00 a.m.; 9.00 a.m.; 10.30 a.m.; 12.00 a.m.; 1.00 p.m.; 5.00 p.m.

Il-Ħamis, 14 ta' Awissu: JUM IR-RELIĠJUŻI

Fit-8.00 a.m. Mons. Dekan Giov. B. Gauci f'Ċelebrazzjoni Ewkaristika għas-sorijiet tal-parroċċa jagħmel omelija dwar id-devozzjoni marjana fil-ħajja reliġjuża.

Fis-6.00 p.m. Translazzjoni tar-Relikwija u Għasar Solenni li jitmexxew mill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Nikol Cauchi, Isqof Djoċesan flimkien mar-Rev.mu Kapitlu Katidrali. Wara l-Għasar, kant tal-Kumpieta, Salve, Litanija u funzjoni għall-Barka Sagramentali.

Fis-7.30 p.m. quddiesa li tkun tgħodd għall-preċett festiv minn Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna.

Fit-8.30 a.m. kant ta' Terza Pontfiikali.

Fid-8.45 a.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali li titmexxa mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi flimkien mar-Rev.mu Kapitlu u l-Kleru tal-Katidral. Wara t-tqarbina Mons. Isqof jintona t-"Te Deum" b'radd il-ħajr 'l Alla f'egħluq il-ħames sena mill-inkoronazzjoni tax-xbieha ta' l-Assunzjoni tal-Verġni Omm Alla. Fi tmiem il-quddiesa, Mons. Isqof jagħti l-Barka Papali.

Fil-5.00 p.m. Quddiesa bl-omelija.

Fil-5.30 p.m. Għasar Solenni bil-mużika mmexxi mir-Rev.mu Kapitlu Katidrali. Wara l-Għasar, Kumpieta kantata, Antifona u funzjoni għall-Barka Sagramentali.

Wara l-Barka Sagramentali tibda ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija; imexxi l-purċissjoni l-E.T. Mons. Nikol Cauchi Isqof ta' Għawdex.

www.gozocathedral.org.mt

TAQSIMA KULTURALI

Il-Ġimgħa, 25 ta' Lulju:

Fis-6.30 p.m. Festival Marjan: Jieħdu sehem it-tfal u ż-żgħażagħ. Fuq l-orgni s-Sinjorina M. Zammit.

Il-Ħadd, 3 ta' Awissu:

Fis-5.45 p.m. ftuħ ta' wirja ta' diversi tpinġijiet magħmulin minn tfal u żgħażagħ tal-parroċċa. Il-wirja ser tinżamm fil-Biblijoteka Parrokjali.

L-Erbgħa, 6 ta' Awissu:

Fit-8.00 p.m. It-Tlugħ ta' Marija fis-Sema: Djalogu Poetiku ta' Anton Buttigieg: Produzzjoni u Direzzjoni ta' Anton Scicluna.

Is-Sibt, 9 ta' Awissu:

Fis-6.00 p.m. Quiz fuq is-Santwarji tal-Madonna f'Għawdex. Jieħdu sehem it-tfal u ż-żgħażagħ tal-parroċċa.

Organizzazzjoni tal-Quiz: Dun Ġorġ Tabone u s-Seminaristi tal-parroċċa.

Il-Ħadd, 10 ta' Awissu:

Pubblikazzjoni ta' 'l-Għid ta' l-Assunta' għal ħmistax-il-darba. Barra mid-Djarju Parrokjali, jkun fiha artikli ta' interess storiku.

TAQSIMA FILANTROPIKA

Is-Sibt, 26 ta' Lulju:

Għoti ta' hampers lil xi familji numerużi tal-parroċċa.

It-Tnejn, 4 ta' Awissu:

Fil-5.00 p.m. party lit-tfal ta' 'Lourdes Home'.

It-Tlieta, 5 ta' Awissu:

Party lit-tfal tal-Konservatorju ta' l-Isqof.

L-Erbgħa, 6 ta' Awissu:

Party lix-xjuħ rikoverati għand is-Sorijiet ta[...] Karmnu.

Il-Ħadd, 10 ta' Awissu:

Xi familji jżommu xi tifel jew tifla ta' l-istitu[...] d-dar għall-ġurnata.

L-Erbgħa, 13 ta' Awissu:

It-tfal li din is-sena jew għamlu l-Ewwel Tq[...] bina jew irċivew is-Sagrament tal-Griżma [...] l-Isqof joffru lit-tfal ta' l-istituti xi flus li ġe[...] għulhom huma stess matul is-sena. Dawn [...] flus jingħataw waqt Rally Marjan għat-tfal[...] Mill-flus kollha li jkunu nġabru għall-festa [...] mogħti persentaġġ minnhom lill-Istituti tal-[...] rita'

TAQSIMA RIKREATTIVA:

FESTA TA' BARRA

It-Tlieta, 8 ta' Lulju:

Ħarġa rikreattiva f'Malta għal kulħadd [...] nżuru l-Fiera Internazzjonali

It-Tlieta, 22 ta' Lulju:

Ħarġa rikreattiva f'Malta għat-tfal u ż-żg[...] żagħ flimkien mas-Seminaristi u s-Saċerd[...] tal-parroċċa

It-Tlieta 19 ta' Awissu:

Ċena għall-membri tal-Presbiterju Parrokja[...] għall-membri tal-Kor 'Maria Assunta'.

N.B. Matul il-jiem tal-festa jieħdu sehem div[...] baned biex jirrikrejaw lill-poplu. Ikun he[...] ukoll logħob tan-nar.

www.gozocathedral.org.mt

www.gozocathedral.org.mt

“L-ewwel ħjiel ta' siwi li għandna ta' din il-knisja imur lura sas-sena 1435 meta, eżatt fit-12 t'Ottubru, insibu lil Nucio de Episcopo, Għawdxi, iħalli xi ħaġa żgħira lill-kappillan tal-Knisja Matriċi ta' Santa Marija u . . . l-ebda knisja oħra f'Malta jew Għawdex ma kienet tissejjaħ matriċi f'dawk iż-żminijiet bikrija”.

WERREJ

Il-Messaġġ ta' l-Arċipriet	1
Kronoloġija Dokumentata ta' Ġrajjiet il-Kolleġġjata ta' l-Assunta f'Għawdex (1623-1672)	2
Il-Mużew il-Ġdid tal-Katidral	10
Ittra tas-sena 1767 li tagħti xhieda ta' l-importanza tal-Kolleġġjata ta' l-Assunta fil-Kastel ta' Għawdex	13
Kronaka tal-Parroċċa	16, 17
Ġrajjiet importanti matul is-sena	18
Is-Sigriet tal-Katidral	23
Is-Sedja ta' l-Isqof fil-Katidral ornata bil-Bronz	24
Tkompli l-Kronaka tal-Parroċċa	25
Mill-ħajja Pastorali tal-Parroċċa	26
Mill-ħajja Kulturali tal-Parroċċa	27
Mill-ħajja Filantropika tal-Parroċċa	28
Mill-ħajja Rikreattiva tal-Parroċċa	29
Programm tal-Festa ta' Santa Marija	30

CharVin Press, Luqa. Tel. 784381/2

www.gozocathedral.org.mt